**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 141 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Maria Concetta Vella**

Illum 20 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Maria Concetta Vella detentrici tal-karta tal-identità numru 25464G, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Gunju, 2011, u z-zmien ta' qabel din id-data:

Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga heroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement

emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputata bhala wahda li saret recediva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta/Ghawdex);

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Awwissu 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, u t-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939, L.S. 101.02), sabet l-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u kkundannatha sentejn (2) prigunerija u multa ta' tlett elef ewro (€3,000).

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hatja thallas l-ammont ta' €512.17 rapprezentanti spejjez peritali. (Huma biss l-ispejjez relatati mal-ezamijiet forensici li saru fuq il-pakketti ta' foil li nstabu mill-pulizija fil-prezenza ta' Durward li jista' jsib applikazzjoni dan l-artikolu. L-ispejjez kollha l-ohra kienu spejjez li kienu jittrattaw il-mewt ta' Galea li bl-ebda mod ma giet attribwita lill-imputata.)

Finalment ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita fl-inkjesta, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Maria Concetta Vella, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Awwissu 2020, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberaha minn kull htija u piena, jew, alternattivament tvarjaha in kwantu jikkoncerna l-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Maria Concetta Vella huma s-segwenti u cioè:

**L-Ewwel Aggravju**

L-ewwel Aggravju tal-imputata huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi adottat mill-ewwel Qorti stante illi huwa fl-umli fehma tal-imputata illi l-provi kollha migjuba fil-konfront taghha ghandhom fil-fatt iwasslu ghal-liberatorja u mhux ghal sejbien ta' htija.

Illi huwa ben saput li l-Qorti ta' Appell hija Qorti revizjoni u ma ghandhiex leggerment tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata u sakemm ma tkunx tidher li hija wahda "*unsafe and unsatisfactory.*" Hekk gie ritenut li:- "Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha." (App. Krim. "**<u>Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et</u>**." [6.6.1994] per V. De Gaetano J.) u "Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha." (ara: App. Krim. "**<u>l-Pulizija vs. Raymond Psaila et</u>**." [12.5.1994], "**<u>Il-Pulizija vs. Joseph Zahra</u>**" [10.5.2002] u ohrajn.) *[*Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D Appell Nru. 546/2017, **<u>Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs April Farrugia</u>**, Seduta tat-28 ta' Frar, 2018]

Però dan kollu huwa bbazat fuq il-fatt illi tkun l-ewwel Qorti li tkun semghet ix-xhieda allura tkun f'pozizzjoni ahjar li tgharbel hi l-imgieba tax-xhieda u tevalwahom. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti ma kinitx f'pozizzjoni li tisma' x-xhieda kollha hi u bhal din l-Onorabbli Qorti trid tistrieh fuq diversi traskrizzjonijiet li saru fuq medda ta' disa' snin. Minn naha taghha filwaqt li l-ewwel Onorabbli Qorti ammettiet illi x-xhieda kienu konflingenti, stqarret illi mhux kull kunflitt ghandu

jwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata u qalet li bizzejjed li jkun hemm konvinzjoni morali.

Illi bl-akbar dovut rispett il-konvinzjoni morali però qatt ma tista' teghleb il-provi kontradittorji li flimkien ma jistghu qatt iwasslu ghal dak li kienet il-fatt oggettiv u cioè il-verità. Illi l-gudikant bl-akbar rispett ma ghandux jistrieh awtomatikament fuq l-istint tieghu jew fuq il-konvinzjoni morali izda l-legislatur, f'kaz ta' provi konflingenti obbliga lil gudikant sabiex japplika l-linji gwida elenkati fl-artiklu 637 tal-Kap 9.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju, 2003, gie ritenut illi: "mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux". *[Imh. Joseph Galea Debono, Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003, Appell Kriminali Numru. 59/2003 Il-Pulizija (Spettur M. Bonello) Vs Joseph Thorne]*

Illi l-Ewwel Qorti qalet li mill-provi migjuba kienet tal-fehma li l-akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata skont il-ligi.

Ghaldaqstant, in linja tal-insenjament tal-gurisprudenza l-appellanta ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti setghet ragjonavolment tasal ghall-konkluzjoni fir-rigward tax-xhieda ta' Jethro Camilleri li, "*kellha tistrieh fuq l-istqarrija elokwenti tieghu karatterizzata bi twegibiet mexxejja, moghtija quddiem l-awtoritajiet investigattivi u l-Magistrat Inkwirenti*." Propju ghaliex meta xehed ma kienx hemm l-imputata!

Fl-ewwel lok fl-istess stqarrija jinghad ukoll li x-xhud ikkontradixxa lilu innifsu. Propju kien ghalhekk li l-ewwel mistoqsija in kontro ezami kien, biex jghid liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet kienet il-verità. Fil-fatt ikkonferma li hu qatt ma xtara droga minghand Connie u qatt ma ra lil Connie taqdi lil Oman, illum mejjet. (fol 246).

Illi l-esponenti tissottometti bl-akbar rispett illi d-difiza ewlenija taghha ma gietx moghtija l-piz misthoqq. Hija ssottomettiet li hija ma kinitx titraffika d-droga u ma tat l-ebda droga lil Oman Galea. Illi x-xhieda taghha giet ikkoroborata bis-shih minn

Steve Camilleri. Illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni Steve Durward u Jethro Camilleri ma kinux xhieda kredibbli u dan ghal diversi ragunijiet. Fattwalment huma jvarjaw ix-xhieda taghhom kull darba li jixhdu. Izidu, inaqqsu, jinnegaw, ixejnu, izejnu, skont kif jaqblilhom fil-mument li jigu mistoqsija. Illi l-esponenti bl-akbar rispett mhux talli wriet bic-car dawn l-element ta' kunflitt fil-provi izda marret oltre u wriet ukoll il-mottiv dwar ghalxiex inbidlet ix-xhieda, u dan kollu bl-ghan li tattakka il-kredibbiltà taghhom. Dawn iz-zewg xhieda kellhom diversi ragunijiet u motivi li jixhdu bil-mod li xehdu fosthom a) l-investigazzjoni dwar il-mewt tal-habib intimu taghhom it-tnejn Oman Galea li kienet pendenti; b) l-investigazzjoni dwar sejbien ta' kokaina misjuba wara l-mewt ta' Galea fid-dar ta' Durward; c) proceduri ohra dwar abbuz ta' droga fil-konfront ta' Jethro Camilleri stante li huwa kien jabbuza mid-droga dak iz-zmien ukoll.

Illi pertinenti hija s-sentenza moghtija mill- Qorti Tal-Appell Kriminali Imħ A. Bugeja tat-23 ta' Lulju 2020, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Cassar** il-Qorti tal-Appell stqarret illi:

"*Ghal min hu midhla tal-kamp penali, l-istess bhalma nghidu li elf suspett ma jaghmilx prova, hekk ukoll elf stqarrija ta' bniedem li nqabad mill-pulizija m'ghandhiex wahedha taghmel prova kontra persuna mdahhla mieghu u arrestata mieghu. Kull gudikant ta' esperjenza jaf illi meta persuna tigi arrestata u ssib ruhha fl-inkwiet mal-pulizija, hija taghmel minn kollox biex issib kenn, inkluz li tista' tasal biex tigdeb fuq haddiehor, peress li l-istint jiehu s-sopravvent fuqha. Kien ghaqli l-Legislatur meta kien jirrikjedi l-korroborazzjoni permezz ta' prova ohra indipendenti. Sfortunatament, dak is-salvagward tnehha mil-ligi u issa hemm inqas protezzjoni f'cirkostanzi bhal dawk.*"

Huwa dak li qed tallega l-esponenti u cioè li l-ewwel xhieda ta' Duward u Camilleri giet moghtija taht biza' illi kienu se jigu huma personalment fl-inkwiet, u kien ghalhekk li riedu jidderiegu lill-prosekuzzjoni f'direzzjoni ohra, liema direzzjoni huma ghazlu li jippontawha biss lejn l-appellanta ghaliex ma ridux jippuntaw subajhom ghal persuni ohra.

Fil-fatt ghall-bidu jaghmluha leggerment u bilkemm mhux diretti mill-pulizija biex jaghmel dan u dan johrog mix-xhieda ta' Durward stess illi, "*everyone wanted to blame Connie*"; imbaghad fit-tielet istanza li gie interrogat Durward u propjament quddiem

il-Magistrat Inkwirenti Paul Coppini, ftakar dak li kien nesa jghid id-darbtejn ta' qabel u cioè li huwa qieghed il-pakketti tal-eroina li qal li ra l-imputata taghti lil Galea, gewwa hajt. Jghid ukoll illi kien ra x'fihom dawn il-pakketti imbaghad jghid li ma kienx ra. Jghid ukoll li ra lil Connie u lil Oman xi darbtejn, drabi jghid li mar ikellemhom u drabi ohra jghid li ma marx, darb'ohra jghid li kien metri 'l boghod u li kien bil-kelb, darb'ohra jghid li ma rawhx, filli qal ukoll li Oman kien qallu x'fihom il-pakketti, imbaghad wara qal ukoll illi Oman innega li kien fihom l-eroina u finalment qal li wara li hadhom fil-pussess tieghu, dawn il-pakketti hbihom gol-hajt.

Illi l-artikoli relevanti ta' 630, 633, 636, u 637 huma pertinenti u huwa fl-umli fehma tal-appellanta illi tenut kont tal-artikoli relattivi l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li waslet u dan a bazi tas-segwenti;

**I. Kredibbiltà -** Illi huwa importanti li jinghad illi l-ewwel Qorti strahet biss fuq dawn iz-zewg xhieda Jethro Camilleri u Stephen Durward, stante illi fil-pussess tal-imputata ma nstabet l-ebda droga. Illi però wiehed ghandu jwiezen tajjeb din l-istess xhieda u ghandu jiehu in konnessjoni tal-fatt illi fid-drabi li xehdu Camilleri u Durward, l-verzjonijiet ma kinux jaqblu, anzi kull xhieda kienet qed tikkontradixxi l-verzjoni precedenti. Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tas-7 ta' Awwissu 2020 stqarret illi fil-kamp penali mhix mehtiega certezza assoluta, izda l-konvinzjoni morali. Però wiehed jistaqsi a bazi ta' xiex kienet din il-konvinzjoni morali?

Illi fix-xhieda ta' Stephen Durward tat-8 ta' Novembru 2016, l-istess xhud ma weriex li kien imfixkel ghax ghadda iz-zmien, pjuttost stqarr illi li dak kien stqarr qabel ma kinetx mija fil-mija il-verità:

<u>The Witness:</u>

*I would like to say a lot yes to be honest because the statements that O made then, this is a long time ago, and being honest this isn't all, I 'm not one hundred percent sure that this is true, to what I said, to what I said that day and to what I have accused Connie of doing. It's not all true as in I can't be one hundred percent sure hand on my heart that it is honest. At the time I lost my friend I was very angry.* Fol 230

Meta l-Qorti mbaghad kompliet tistaqsi lill-xhud sabiex jikkummenta dwar meta ra lil Connie fil-parkegg ta' Marsalforn, hu kompla juri kemm fir-realtà, dan id-deal fittizju hu personalment qatt ma rah;

*Well, when I made the statement on the day and I'd seen him lean into the car, I didn't see the deal, I didn't see which way it went. I just put the words -*

Illi fis-sentenza taghha l-Qorti qed tiggustifika l-fatt li li kieku x-xhud ried jinkolpa lill-imputata kieku ma kienx ibiddel il-verzjoni tieghu u jistqarr li ma hux cert mija fil-mija, anzi l-Qorti tal-ewwel Istanza interpretatha b'mod ferm differenti u kompliet tistqarr illi b'dan li qed jghid ix-xhud Durward kien qed jimmilita versu l-kredibbilità tieghu u l-veracità tax-xhieda tieghu, però l-Qorti tal-ewwel istanza ma haditx in konsiderazzjoni punt krucjali ferm, iz-zmien meta Durward kien qed jaghti x-xhieda tieghu.

Fiz-zmien fejn ta x-xhieda tieghu fejn qed jitfa' dell ikrah fuq Connie Vella, Durward kien ghaddej hu personalment minn proceduri kriminali ohra fejn kien qed jaffaccja wkoll akkuza ghal pussess ta' droga, apparti l-fatt illi kien dak l-istess zmien fejn hu personalment seta' jigi inkulpat illi qed jittraffika u ghandu fil-pussess tieghu sustanzi illegali. Illi wara li nghatat s-sentenza fil-konfront tieghu, u kien ghalhekk kien liberu minn kull hsieb li jista' jigi akkuzat hu personalment ma kien baqaghlu l-ebda skop li jinkolpa lil haddiehor kien ghalhekk li mbaghad biddel il-verzjoni tieghu u stqarr illi ma kienx cert x' ra u li jaf kien Oman stess li kien qed jforni d-droga fil-konfront tal-imputata, kien imbaghad ghalhekk li ddecieda li jistqarr il-verità.

Illi di piu, fix-xhieda tieghu stqarr ukoll illi kien inkolpa 'l Connie fl-ewwel xhieda tieghu ghax kien irrabjat u ried iwahhal f' xi hadd. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017 in kontro-ezami x-xhud giet moqri l-ahhar xhieda tieghu fejn stqarr illi ried lil xi hadd f'min iwahhal. Meta mistoqsi biex jelabora fuq dak li qal fix-xhieda tieghu hu wiegeb is-segwenti;

"Witness:

*I was very angry at the time, like Connie was all the time with Oman so I blamed Connie. So ….. together, so I was angry. I had just lost a very good young friend of mine.*

*<u>Defence Counsel:</u>*

*What is the motivation for this retraction? What was the motivation? What motivated you to retract everything?*

*<u>Witness:</u>*

*Because time has passed and I had time to reflect and I just wanted to blame a hundred percent a just wanted to blame Connie, and that was the main, but to be honest I cannot be a hundred percent no more."*

**II. Il-fatti tal-kaz -** Illi il-fatti tal-kaz odjern jirrevolvu madwar il-mewt ta' Oman Galea, vittma tad-droga li miet b'overdose fir-residenza tieghu. Illi hu dak iz-zmien kien aktar qrib ix-xhieda Steven Durward u Jethro Camilleri u mhux l-imputata. Illi l-ahhar nies li kienu mal-mejjet kienu propju dawn it-tnejn u certa Silvana Camilleri. Meta Silvana bdiet tahseb hazin, lil Steven u lil Jethro bdiet iccempel, u flimkien qablu li ma jidhlux id-dar u jcemplu lil omm il-mejjet, biex jiddistakkaw ruhhom minnu. Mill-banda l-ohra l-vittma kellu trobbija imharbta, relazzjoni tajba ma' ommu ma kellux, u ghalhekk kien isib refugju fl-appellanta Maria Concetta Vella li kien iqisha bhala ommu u fil-fatt jghajtilha, "Ma". Hekk kif ikkonfermat diversi drabi minn diversi xhieda kien ukoll jirrispettaha daqs li kieku kienet ommu u ma kienet tinkwadra imkien fil-perjodu ta' hajjet il-mejjet li wassal ghal mewtu.

**III. L-imgieba tax-xhud** - Illi hekk kif ukoll mistqarr mill-Qorti tal-ewwel istanza, ix-xhud Durward xehed bit-tqanzih u bis-sulluzzu, illi tali imgieba l-Qorti tal-Ewwel Istanza interpretatha bhala element ta' kredibbilità fir-rigward tax-xhud meta fil-verità, l-inkorettezza, l-inkwerenza, it-tqanzih u s-sulluzu juru biss illi l-element tal-imgieba pozittiva u korretta tax-xhud mhix ippruvata u ghalhekk x-xhud m'ghandux jigi emmnut ghax mhux kredibbli.

**IV. Il-kondotta tax-xhud -** Illi fl-istess zmien li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri, Stephen Durward kien qed jigi akkuzat ukoll illi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, li eventwalment b'sentenza moghtija fit-28 ta' Jannar 2014, l-istess Durward nstab hati. Illi mill-banda l-ohra kienet l-istess Qorti stess li ammettiet u hadet in konsiderazzjoni tal-fatt illi z-zewg xhieda Camilleri u Durward kienu t-tnejn jabbuzaw mid-droga u ghalhekk il-Qorti uzat il-frazi *it takes one to know one* però

skartat il-fatt li dan Durward jipprezenta lilu nnifsu bhala l-anglu kustodju ta' Oman meta fil-verità hu kien jiehu droga mal-mejjet!

**V. Il-karattru tax-xhud -** Illi fatt li jispikka mix-xhieda ta' Durward u Camilleri huwa l-fatt li dawn it-tnejn kienu jabbuzaw d-droga anke mal-mejjet. Iz-zewg xhieda ghaddew xi zmien il-habs minhabba droga u Durward b'ammissjoni tieghu stess anke wkoll minhabba vjolenza. Huwa ghalhekk illi fl-ewwel lok, dawn ix-xhieda kienu xhieda li kienu imdorrijiet jidhru quddiem Qorti, u di piu fl-istess zmien huma kienu ghaddejjin minn zmien ta' fragilità u sensittivita. Illi sahansitra Jethro Camilleri jammetti huwa stess l-inkapacità li jirrakkonta u jiftakar x'gara u ma garax stante illi minhabba l-abbuz tad-droga huwa jkollu hafna *blackouts.* Kif jista' wiehed ghalhekk jistrieh fuq xhieda ta' bniedem li mhux biss wera urtazzjoni biex xehed, mhux biss kien konflingenti, izda li ma ghandux il-kapacità konjittiva li jiftakar is-segwenza ta' fatti kif ra u sema hu!

**VI. Il-konsistenza u l-fattizzi l-ohra tax-xhieda tieghu -** Illi hekk kif intwera diversi drabi u a skans ta' ripetizzjoni zejda, l-esponenti taghmel ampju referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghha ix-xhieda Durward u Camilleri ma kinux konsistenti fix-xhieda taghhom stess u fl-ahhar verzjoni wkoll huwa ferm inverosimili li wiehed iqieghed pakketti tal-eroina f'hajt ghal li jista' jkun. Illi ghandu jigi nnutat ukoll il-fatt illi l-unika droga li nstabet fil-mori ta' dawn il-proceduri kienet fil-pussess ta' Durward, l-istess xhud li ammetta li fetah il-pakketti tal-foil li fihom kienet tinsab is-sustanza illegali sabiex dan jikkonferma x'kien fihom. Però, wiehed jistaqsi, dan ghaliex ma helisx minnhom u ramihom jekk ma kinux tieghu personalment? L-istess xhud wiegeb illi hallihom fil-hajt f'parkegg f'Marsalforn f'kaz illi l-istess vittma Omar jaqa' *sick* meta fix-xhieda tieghu kompla jghid li hu wissieh kemm-il darba lil Omar sabiex ma jiehux droga u stqarr ukoll illi hadhom mill-pussess ta' Oman fejn ta x'jifhem li ghall-gid tieghu. Li kieku dan Durward vera riedlu il-gid, kif ipprova jgieghel lill-Qorti tal-Ewwel Istanza temmen, kieku messu baghtu kors l-Oasi jew xi centru ta' rihabilitazzjoni iehor u mhux heba l-istess droga li allegatament kienet tal-akkuzata halli f'kaz li l-vittma jaqa' sick jaghtiha lill-vittma.

**VII. Jekk ix-xhieda tieghu kinetx imsahha minn xhieda ohra** – illi bhala fatt ix-xhieda ta' Durward dwar il-pakketti fil-hajt ma hix ikkorroborata minn Camilleri u

mill-banda l-ohra x-xhieda ta' Camilleri apparti li hija kontradetta minnu nnifsu b'mod car u inekwivoku ghal ahhar, ma hi ikkorobrata minn xejn u minn hadd. Izjed minn hekk, u jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed ikollu jemmen l-ewwel verzjoni tieghu, l-elementi l-ohra ta' prova li kellha tingieb fir-rigward tal-allegat traffikar assolutament huma monki. La hemm prova dwar x'sustanza kienet, la kemm kienet il-kwantità, la kemm kienet il-purità, ma hemm assolutament xejn.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Novembru 2018, bl-ismijiet Il-Pulizija Vs John Pace numru 395/2017 l-Qorti stqarret illi biex 'tara per ezempju l-komportament tax-xhud, kif igib ruhu waqt li qed jixhed, fil-karattru tieghu, il-mod kif jirrispondi, fuq xi domandi, jekk hux qed ikun evaziv, jipprova jahrab mid-domandi impost lilu u jaghti twegibiet ghad-domandi li ma jsirulux. Tara per ezempju jekk f'dak li qed jghid xhud ghandux mis-sewwa. Tara jekk dak mistqarrr minnu ghandux mis-sewwa hekk hu, jekk hux verosimili, jigifieri taraw jekk hux konsistenti mieghu nnifsu, jekk hux per ezempju daqqa jghid haga u daqqa jghid ohra, jekk hux konsistenti. Jew tara, jekk hemmx xi provi jew cirkostanzi ohra li jikkontraducu dak li qed jghid ix-xhud. Dan hu l-ezercizzju li trid taghmel il-ligi meta tigi biex tizen dak li jghid xhud waqt li jkun fil-pedana tax-xhieda.

Kif intqal minn **Lord Alverstone, C.J.** f'in re **<u>R. v. Stoddart</u>** : "*This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced.* "

Illi bl-akbar dovut rispett il-Qorti ma wiznitx tajjeb ix-xhieda ta' Stephen Durward u ta' Jethro Camilleri u injorat l-inkonsistenzi gravi taghhom, aghar minn hekk il-Qorti stess b'sensiela ta' certi leading questions staqsiet lil Durward fuq il-moviment tal-pala tal-idejn u d-dirghajn u min fetah il-pala l-ewwel, u meta nghalqet biex tislet certi dettalji biex tatribwixxi kredibbiltà lill-verzjoni tax-xhud fejn kien jidher car li fil-verità x-xhud ma kien qed jiftakar xejn.

Illi ghalhekk din il-Qorti tal-Appell ghandha tiehu in konsiderazzjoni tal-fatt illi meta x-xhud ibiddel il-verżjoni tiegħu dwar il-fatt li jkun jikkostitwixxi l-punt kruċjali ta'

kawża (kif inhu f'dan il-kaz), mela allura l-loġika u r-raġuni jiddettaw li dubji serji u fondati għandhom jiġu sollevati fir-rigward ta' dik it-testimonjanza.

Illi mis-sentenza stess moghtija mill-Ewwel Qorti jintwera bic-car l-inkompetenza u inkjarezza tax-xhud Durward, infatti fis-sentenza stess, il-Qorti qalet li x-xhud Durward stqarr li mhux kull darba li kien ikun ma' Connie kien imur lura fi stat hazin, izjed lura imbaghad gie kkwotat it-transkrizzjoni fejn l-istess xhud qed jghid li kull meta kien imur fejn Connie dan Oman, dejjem kien jigi lura fi stat hazin (Page 17 - 18 Sentenza l-Ewwel Qorti). Infatti b'konfuzjoni il-Qorti kompliet issostni illi l-fatt illi l-istess Durward stqarr illi Oman ma kienx ikun dejjem fi stat hazin meta kien ikun ma' Connie juri li qed jghid huwa verità u juri li ma riedx jinkopla lil Connie, pero` hawnhekk fis-sentenza stess qed naraw kemm hemm inkompetenza u inkonsistenza fuq l-istess xhud. U ghalhekk l-appellanta tistaqsi, fuq liema bazi l-ewwel Qorti qed tiddeciedi li temmen din il-verzjoni u mhux il-verzjonijiet l-ohra?

Ghaldaqstant il-Qorti Onorabbli wara li tgharbel il-provi migjuba ghandha tasal ghall-konkluzjoni li ma hemmx il-prova fil-grad rikjest mil-ligi biex tikkundanna lill-imputata.

**It-Tieni Aggravju**

It-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi r-rapport tal-espert mahtur mill-Qorti ma jaghmel l-ebda referenza ghal Dok E li huwa d-dokument esebit li fih is-sustanzi li gew elevati u minflok jaghmel referenza ghad-dokument 349/11/01.

Illi l-ewwel Qorti qalet li kien ovvju li d-droga elevata kienet f'Dokument E u l-appellanta taqbel ma' dan pero` l-aggravju huwa fis-sens illi l-espert minkejja d-dokument immarkat u referut bhala Dok E qatt ma ghamel referenza ghall-istess fir-rapport tieghu. Ghalhekk ma jistax jinghad illi hemm in-ness legali bejn il-konkluzjonijiet tar-rapport u l-kontenut tas-sustanzi fid-Dok E.

Ghaldaqstant il-prova dwar il-kwantità u natura tas-sustanza illegali hija monka.

**It-tielet Aggravju**

It-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-piena erogata fil-konfront tal-imputata hija eccessiva.

Illi fil-parti sostantiva tas-sentenza taghha l-Ewwel Qorti qed taghmel referenza ghas-socjetà u stqarret illi *r-reat li dwaru qed tinstab htija hu reat li qed iwassal ghall-rovina ta' numru ta' persuni li ma jafx bla limiti, mhux biss ta' dawk li jikkonsmaw il-prodott traffikat izda anke ghall-familji taghhom. Reat li jisfrutta l-iktar dghajjef, partikolarment iz-zghazagh. Ir-rovina ta' hafna tfisser profit u qliegh ta' flus ghal wahdiet. Il-Qorti ghandha dover tipproteggi lis-socjeta` minn ghemil simili; socjeta` li ma tistenna xejn inqas minnha.*

Illi meta wiehed iqabbel l-unika ammont tad-droga msemmija fil-mori ta' dawn il-proceduri, ma' ammonti stabbiliti f'sentenzi moghtija mill-Qrati matul iz-zmien, wiehed ma jdumx biex jirrealizza illi l-piena li giet moghtija l-istess appellanta hija piena gravi u ghalhekk ma hix piena li jisthoqilha.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit) fit-23 ta' Lulju 2020 Appell numru 437 tal-2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Cassar**, il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell in parte u ghall-qartas erojina, u ksur tal-kundizzjonijiet ghal sentenza sospiza, minn tliet snin prigunerija u multa ta' tlett elef Euro, l-Qorti tal-Appell wehhlitu sbatax-il xahar priġunerija, flimkien ma' multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

Illi f'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., Ll.D. Kawza Nru: 8/2014 12 ta' Marzu, 2018 **Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) (Spettur Malcolm Bondin) vs Jonathan Felice**, il-Qorti ghall-ammont ta' 3.1 grammi erojina b'purita ta' 29%, l-imputat, li kien recidiv gie kkundanat ghall-piena ta' hmistax-il xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima Appell Numru: 298/2015 **Il-Pulizija vs Aphron Agius** ta' 26 ta' Gunju 2020 l-appellant instab fil-pussess tieghu ftit anqas minn ghaxar grammi erojina liema Qorti tal-Appell varjat il-piena moghtija mill-ewwel Qorti u kkundannatu wiehed u ghoxrin xahar (21) priġunerija, u għall-ħlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1500) multa.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras Kawża Numru: 383/2009 **Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) vs Keith Joseph Mallia**, is-sostanza illegali kienet tammonta ghal 7.78 grammi (it-trab kannella kien instab fi tliet qratas tal-karti, ġo biċċa foil u f'żewġ boroż tal-plastik), instabet fihom is-sustanza erojina. Il-purità medja tat-trab ta' lewn kannella għas-sustanza erojina kienet ta' ċirka 28.3% u l-Qorti kkundannatu tnax-il xahar priġunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900).

Illi hekk kif gie elaborat mill-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja fit-23 ta' Lulju 2020 appell numru 437 tal-2018 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Christopher Cassar**,

*"…..din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

*Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.*

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost u minghajr pregudizzju ghal dak imsemmi fl-aggravji l-ohra, il-piena erogata hija wahda eccessiva.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fis- 27 ta' Gunju ,2011 instab mejjet Oman Galea gewwa residenza fil-Fontana Ghawdex;

2. Illi sussegwentement il-Pulizija kienet hadet stqarrijiet ta' numru ta' persuni vicin tal-vittma, uhud minnhom gew igguramentati fejn fost allegazzjonijiet ohra gie allegat li l-imputata kienet titraffika d-droga eroina;

3. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tal-appellanta.

Illi l-ewwel aggravju tal-imputata huwa ibbazat fuq l-apprezzament tal-provi adottat mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellanta l-provi kollha migjuba fil-konfront taghha ghandhom iwasslu ghal liberatorja u mhux ghal sejbien ta' htija. Tissottometti li l-Ewwel Qorti ma kinitx f'pozizzjoni li tisma' x-xhieda kollha hi u bhal din l-Onorabbli Qorti trid tistrieh fuq diversi traskrizzjonijiet li saru fuq medda ta' disa' snin. Li filwaqt li l-Qorti ammettiet li x-xhieda kienu konfliggenti, stqarret li mhux kull kunflitt ghandu jwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata u qalet li bizzejjed li jkun hemm konvinzjoni morali. Tissottometti l-appellanta li l-konvinzjoni morali qatt ma tista' teghleb il-provi kontradittorji li flimkien ma jistghu qatt iwasslu ghal dak li kienet il-fatt oggettiv u cioe' il-verita. Li l-gudikant ma ghandux jistrieh awtomatikament fuq l-istint tieghu jew fuq il-konvinzjoni morali izda il-legislatur f'kaz ta' provi konfligenti obbliga lil gudikant sabiex japplika l-linji gwida elenkati fl-artikolu 637 tal-Kapitolu 9. Li l-appellanta ma tistax tifhem kif il-Qorti setghet ragjonavolment tasal ghal konkluzjoni fir-rigward tax-xhieda ta' Jethro Camilleri li kellha tistrieh fuq l-istqarrija elokwenti tieghu karatterizzata bi twegibijiet mexxxejja, moghtija quddiem l-awtoritajiet investigattivi u l-Magistrat Inkwirenti. Proprju ghaliex meta xehed ma kienx hemm l-imputata. Li fl-istess stqarrija x-xhud ikkontradixxa lilu nnifsu, kien ghalhekk li l-ewwel mistoqsija in kontro-ezami kien biex jghid liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet kienet il-verita. Ikkonferma li hu qatt ma xtara droga minghand Connie u li qatt ma ra lil Connie taqdi lil Oman, illum mejjet.

L-appellanta tissottometti li d-difiza ewlenija taghha ma gietx moghtija l-piz misthoqq. Issottomettiet li ma kinitx titraffika d-droga u ma tat l-ebda droga lil Oman Galea. Li x-xhieda taghha giet korroborata bis-shih minn Steve Camilleri. Li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni Steve Durward u Jethro Camilleri ma kienux xhieda kredibbli u dan ghal diversi ragunijiet. Tghid li huma ivarjaw ix-xhieda taghhom kull darba li jixhdu. Li dawn ix-xhieda kellhom diversi ragunijiet u motivi li jixhdu

bil-mod li xehdu fosthom l-investigazzjoni dwar il-mewt tal-habib intimu taghhom it-tnejn Oman Galea li kienet pendenti, l-investigazzjoni dwar sejbien ta' kokaina misjuba wara l-mewt ta' Galea fid-dar ta' Durward, proceduri ohra dwar abbuz ta' droga fil-konfront ta' Jethro Camilleri stante li huwa kien jabbuza mid-droga dak iz-zmien ukoll. Tissottometti li bhalma nghidu li elf suspett ma jaghmilx prova, hekk ukoll elf stqarrija ta' bniedem li nqabad mill-pulizija ma ghandhiex wahedha taghmel prova kontra persuna mdahhal mieghu u arrestata mieghu. L-appellanta tallega li l-ewwel xhieda ta' Durward u Camilleri giet moghtija taht biza li kienu se jigu huma personalment fl-inkwiet u ghalhekk riedu jidderiegu lil prosekuzzjoni f'direzzjoni ohra, liema direzzjoni huma ghazlu li jippontawha biss lejn l-appellanta ghaliex ma riedux jippuntaw subghajhom ghal persuni ohra. Li Durward jghid li '*everyone wanted to blame Connie*' u li quddiem il-Magistrat Inkwirenti Paul Coppini ftakar dak li kien nesa jghid id-darbtejn ta' qabel u cioe' li huwa qieghed il-pakketti tal-eroina li qal li ra l-imputata taghti lil Galea gewwa hajt. Taghmel referenza ghall-artikoli 630, 633, 636 u 637.

Tissottometti li l-Qorti strahet biss fuq ix-xhieda ta' Jethro Camilleri u Stephen Durward stante li fil-pussess tal-imputata ma nstabet l-ebda droga. Wiehed ghandu jwiezen tajjeb din l-istess xhieda u ghandu jiehu in konnessjoni tal-fatt illi fi drabi li xehdu Camilleri u Durward, il-verzjonijiet ma kienux jaqblu, anzi kull xhieda kienet qed tikkontradixxi l-verzjoni precedenti. L-appellanta taghmel referenza ghal fatti tal-kaz u ghall-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhud kif ukoll il-konsistenza u l-fattizi l-ohra tax-xhieda tieghu. L-appellanta tissottometti li l-Qorti ma wieznetx tajjeb ix-xhieda ta' Stephen Durward u ta' Jethro Camilleri u injorat l-inkonsistenzi gravi taghhom.

L-appellanta fl-appell taghha taghmel diversi aktar sottomissjonijiet dwar l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Skont l-appellanta l-Qorti wara li tarbel il-provi migjuba ghandha tasal ghal konkluzjoni li ma hemmx il-prova fil-grad rikjest mill-ligi biex tikkundanna lill-appellanta.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanta huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Dwar l-apprezzament tal-provi, kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Raymond Azzopardi'**[1]:

*'...din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzzjoni tal- Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata w sakemm ma tkunx tidher li hija wahda "unsafe and unsatisfactory".*

*Hekk gie ritenut li :-*

*"Hu principju stabilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzzjoni li waslet ghaliha." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et." [6.6.1994] per V. De Gaetano J. )*

*u*

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id- diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill- Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal- istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha." (ara :App. Krim. "l-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.1994] , "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [10.5.2002] u ohrajn.)'*

L-appellanta ssottomettiet li l-Ewwel Qorti ma kinitx f'pozizzjoni li tisma' x-xhieda kollha hi. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis li wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru 2019 annullat dik is-sentenza appellata u baqghtet l-atti quddiem l-Ewwel Qorti, il-partijiet fis-seduta tas- 27 ta' Novembru 2019 ezentaw lil Qorti mill-provi gia mismugha. In oltre' id-difiza kienet talbet li jergghu jixhdu in kontro-ezami Stephen Durward u Jethro Camilleri kif filfatt gara u fejn kienu instemghu xhieda ohra u cioe' s-Supretendent Johan Fenech, l-imputata u anke Steve Camilleri. Ghalhekk il-Qorti li ppresediet is-sentenza appellata semghet il-provi li d-difiza xtaqet li tressaq. Ghalhekk ma hemmx lok li wiehed jilmenta dwar dan.

L-**Ispettur Johan Joseph Fenech** fis-seduta tal- 24 ta' Settembru tas-sena 2013 spjega kif fis- 27 ta' Gunju, 2011 kien gie infurmat mill-Ispettur Frank Tabone illi kien ghadu

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April, 2003 (Appell Kriminali numru: 199/2002)

kif instab guvni mejjet fid-dar ta' ommu gewwa l-Fontana, Ghawdex u milli qallu jista' jkun li l-mewt tieghu kien jista' jkun li kellu x'jaqsam mal-abbuz ta' xi droga. Kien tela Ghawdex fejn sab lil Oman Galea wiccu 'l isfel bla hajja fuq is-sodda u fejn sabu anke affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-abbuz, il-labar, bicciet tal-foils u xi sachets b'xi tracci fihom. Huwa kien kellem lil nies li kienu hbieb sew ta' Oman Galea u cioe' Steven Paul Derward u Jethro Camilleri. Dan qal li kien jaf lil certu Connie Vella li minn stharrig li ghamel l-Ispettur, irrizulta li kienet l-imputata u li jista' jkun ukoll xtara xi droga minghand Connie Vella u cioe' l-imputata. Saret anke tfittxija fid-dar tal-imputata pero' ma nstab xejn illegali.

Spjega dak li qalu Steven Paul Durward u Jethro Camilleri. Spjega ukoll li Camilleri '*rega' qalli wara l-caution li dan l-ahhar kien ra lil Oman qed jiffrekwenta lil Connie Vella u qal ukoll illi dak iz-zmien, kif jaf Jethro, qalli li anka ghamel zmien imur malta maghha jixtri d-droga, idahhalha Ghawdex u ta' dan kollu, talli kien speci jghinha lilha, hi kienet taghtieh pakkett eroina kuljum. Hu qalli wkoll illi ghal dawk l-ahhar qisu tliet (3) gimghat qabel gara l-kaz kien jara lil Oman Galea jidhol fil-vettura ta' Connie Vella, jithaddet maghha fit-tul. Huwa qalli wkoll kif darba minnhom raha qed tghaddilu xi droga. Qalli wkoll li dak iz-zmien anka Steven Paul Durward ra lil Connie Vella qed tghaddilu xi droga lil dan Oman Galea.*' Kien investiga ukoll lil Steven Paul Durward li '*Kien stqarr mieghi li Oman vizzju qawwi li jiehu d-droga, qalli li prattikament dana Oman Galea ghadda minn kull tip ta' droga, prova jghinu biex johrog minn dan il-vizzju tieghu, pero' ma rnexxiex, u tenna wkoll kif qalli iktar kmieni, lli dan l-ahhar, dak iz-zmien Oman Galea kien qed ibati bid-depression u qalli wkoll illi ma kienx qieghed kif suppost. Qalli li Oman kien jghix wahdu d-dar, ma kellux hbieb hlief hu u forsi Jethro. U qalli wkoll li f'hin minnhom, is-Sibt ta' qabel gara l-kaz, jigifieri s-Sibt twenty fifth (25th) June, qalli li kien sejjer x'imkien mieghu, hargu, u hekk kif kienu ghaddejjin hdejn it-Tapie Bar, Oman ircieva sms minghand xi hadd, anzi cempillu xi hadd u dan Oman Galea qallu biex iwaqqfu hemmhekk. Dakinhar kien l-ahhar darba illi rah fil-fatt lil Oman Galea.*'

Spjega li '*jien bdejt nistaqsieh jekk kienx jaf jekk Oman kienx qed jiffrekwenta xi kumpanija mhux tajba jew inkella forsi qed jiehu xi droga u dana qalli li l-ahhar kien qed jarah spiss ma' certu Connie Vella, ghall-imputata, qed nitkellem ghall-imputata Sur Magistrat. U fil-fatt darba rah ukoll vicin ghall-vettura taghha, ghaddielha xi flus, l-ammont ezatt ta' flus illi ghaddielha ma qallix u raha qed tghaddilu xi pakketti tal-foil. Huwa qalli li dan it-tip ta' deal,*

*l-allegat deal rah isir quddiem ghajnejh darbtejn u fil-fatt avvicina lil din Connie Vella, wissiha u qalilha "jekk nara dan it-tip ta' deal jerga' jsir ha mmur naghmel rapport l-Ghassa." Qalli fil-fatt, qalli fil-fatt l-ahhar deal illi ra kien xi tliet (3) gimghat qabel gara l-kaz u sehh ezatt wara l-flat tieghu, allura ra kollox ezatt x'kien qed ghaddej. Ovvjament dana Steven Paul peress li kien habib sew ta' Oman Galea staqsieh, qallu x'tip ta' droga jew inkella x'kien fihom dawk sachets illi ra lil Vella qed tghaddi lil Oman Galea u qal illi kienet smack, ghall-eroina qed jirreferi.*' Spjega li dawn kkonfermaw l-istatement taghhom bil-gurament u li '*Steven Paul tenna illi darba meta ra lil Oman Galea qieghed allegatament jixtri d-droga minghand Connie Vella, mar fuqu u qalli xi xtara, tah is-sachets f'idu, Steven Paul hadhom u mar biex jahbihom f'hajt.*' Spjega kif saret tfittxija fil-hajt u instabu dawn iz-zewg sachets. L-Ispettur spjega dak li l-appellanta qalet fl-istqarrija taghha fejn cahdet li qatt bieghet droga lil Oman Galea.

L-**Ispettur Frank Anthony Tabone** fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2015 spjega fost affarijiet ohra kif fis- 27 ta' Gunju 2011 kienet giet tirraporta l-Ghassa tal-Pulizija r-Rabat Ghawdex Regina Muscat li kienet ghadha kemm sabet it-tifel taghha mejjet go appartament. Il-Pulizija accedew fuq il-post fejn sabu il-gisem minghajr hajja ta' 'Omar Galea'. Il-Magistrat tal-Ghassa kien gie infurmat. Fl-istess appartament saret tfittxija fejn instabu bhal siringi u oggetti ohra li huma relatati ma' abbuz ta' droga suspettata eroina. Huwa kkonferma l-istqarrijiet rilaxxati minn Jetro Camilleri, Steven Paul Durward u Silvana Joan Camilleri. Steven Durward stqarr li kien jaf li Oman Galea kien qed jixtri d-droga eroina minghand Maria Concetta Vella fejn kien ukoll mar mal-pulizija gewwa Marsalforn, fejn kienu gew elevati zewg pakketti suspettat droga eroina minn gewwa Marsalforn fejn Steven Paul Durward qal li l-istess droga inxtrat minghand Maria Concetta Vella.

**Silvana Joan Camilleri** irrilaxxat stqarrija fid- 29 ta' Gunju 2011, liema stqarrija tinsab a fol 69 et sequitur fejn mistoqsija kellux il-vizzju tad-droga spjegat li Oman Galea qatt ma ratu jaghmel xi haga quddiemha li setghet thassibha hazin izda hu stess qalilha li kellu dil-problema fil-passat. Hija tat spjegazzjoni ta' meta ratu l-ahhar u cioe' l-Gimgha filghaxija fejn kienu nizlu l-Grotta x-Xlendi u kien hemm shabu qaghad ftit maghha, taf li ghamel xi siegha ma' certu Roseanne li toqghod qrib tieghu u wara li sar il-hin telqet imma hu baqa' hemm. Spjegat kif is-Sibt marret il-festa tax-Xewkija u ma sabitux hemm u ltaqghet ma' certu Steve li jahdem 'bouncer' u li hu

habib kbir ta' Oman u staqsietu rahx u qal li ma rahx u ssuggeriela li ticcekja ghax hu ma setghx ghax kien xoghol. Iktar tard ghal habta tal-23:00hrs dahlet tara hux kollox sew u sabitu jonhor. Dak il-hin serhet rasha li kien OK u telqet. F'hin minnhom Steve cemplilha u qalilha jekk iccekkjatx u qaltu iva u staqsieha jekk kienx qed jiehu nifs u qaltlu iva. Staqsieha kinitx caqalqitu izda qaltlu le ghax bezghat peress li kien izomm sikkina f'idu ghax kien jibza' li jidhol xi hadd fuqu. Sylvana Jo Camilleri fid-29 ta' Gunju, 2011 ikkonfermat il-kontenut tal-istqarrija bil-gurament. Dwar Rosanne qalet li qalulha li toqghod qrib tieghu Triq tal-Ghajn u wahda zzewget il-weekend li ghadda. Qalilha li kienet Rosanne li waqqghetu down ghax semmietlu lil missieru u hu qalilha li ma jaf xejn fuq missieru.

**PS 1407 Frankie Portelli** xehed fid- 9 ta' Marzu 2016 fejn spjega li fit-28 ta' Gunju, 2011 mar fir-residenza 'Grima Flats, Flat 5m Triq il-Qbajjar, Zebbug' fejn giet arrestata Maria Concetta u ghamlu tfittxija fir-residenza taghha kif ukoll fil-vettura FBR472 u tfittxija fid-dar ta' ommha ghax kienet qieghda toqghod ghand ommha fil-flat Block C, Flat 2, Triq tac-Cawla, il-Housing Estate, limiti tar-Rabat. It-tfittxijiet kienu fin-negattiv. Gie esebit current incident report immarkat bhala FP1 a fol 214.

**PS664 Jason Xerri** fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) kien gie infurmat dwar li kien hemm wiehed mejjet, marret fuq il-post u Oman Galea kien mejjet fuq is-sodda gol-kamra tas-sodda ta' fuq. Huwa kie hejja okkorenza. Gie muri okkorrenza esebita bhala FP1 u kkonferma li ma ghandux xi jzid u x'inaqqas.

Din il-Qorti sejra in succint taghmel referenza ghal verzjonijiet moghtija mix-xhieda principali u cioe' minn Jethro Camilleri u Steven Durward[2].

**Jethro Camilleri** kien irilaxxa stqarrija li tinsab a fol 54 et sequitur immarkata bhala Dok. A fid- 29 ta' Gunju 2011. Dwar Oman Galea li instab mejjet spjega li '*Ilni nafu minn mindu konna tfal imma ma tantx kont narah ghax ta' tlettax-il sena gie joqghod il-Fontana u bdejt inkellmu sew meta kellu sbatax-il sena. Naf li kien dahal il-habs fuq serq u x'hin hareg il-habib tieghi Steve Durward, ma hallinix naghmilha mieghu.*' Mistoqsi jafx jekk Oman Galea kellux il-vizzju tad-droga wiegeb '*Qabel dahal il-habs, jigifiri madwar*

[2] F'xi waqtiet fil-kawza indikat bhala Stephen Durward, Stephan Durward, Steven Paul Durward, Stephen Paul Derwood, Stephan Delware u Steve Deward.

*sentejn ilu, kien jiehu l-erojina. Gol-habs qata u minn hemmhekk ma baqax jiehu. Kif inqatghalu l-kaz, jigifieri xi xahar ilu, rega' beda jiehu.'* Mistoqsi kif jaf li rega beda jiehu, wiegeb '*Ghax Oman stess qalli li kien rega' beda jiehu darba fil. Jien ghidtlu li kont se niehdu jaghmel it-testijiet u jekk ma jkunx 'clean' ma nkellmux iktar, ghax ma stajtx peress li jien biddilt hajti.*' Spjega li Oman 'gieli kien ihossu '*depressed ghax kienu jghidu fuqu n-nies li kien dahal il-habs u affarijiet fil-passat. Oman kellu problema wkoll li ma kienx jaf min hu missieru.*' Oman kien jghix wahdu u qabel ma' Steve fl-appartament tieghu Marsalforn. Dan daqs tlett snin ilu umbaghad mar jghix fid-dar ta' ommu. Huwa ta' spjegazzjoni ta' meta rah l-ahhar lil Oman, spjega li '*Is-Sibt li ghadda. Ghas-sitta ta' filghaxija ghaddejt ghalih bil-karozza tieghi. Dhalt ghalih kien fil-kcina jistennieni u morna nduru. Morna sax-Xlendi, Marsalforn u d-Dwejra u ftit qabel l-22:00hrs wassaltu d-dar. Ma dhaltx gewwa pero'. Imbaghad jien mort id-dar. L-ghada l-Hadd jien bdejt incempillu ghall-habta tal-16:00hrs u ma kienx qed jaqbdu. Hallejt saghtejn, ergajt bdejt incempillu imma ghalxejn u cempilt lil Steve imma Steve ma rrispondiex lanqas. Dak il-hin bghatt messagg lil Steve bl-Ingliz u ghidtlu li jekk ried joqghod m'Oman wahdu u lili ma ridnix jaqbad u jghidli. Wara l-hin, Steve bghatli li hu kien rieqed u m'ergajtx baghtlu. Filghaxija Steve gie d-dar tieghi u ghidtlu kif ma kienux qeghdin jaqbdu l-'mobile' u Steve qali li anke' hu kien prova jcempel lil Oman u anke' baghtlu xi messaggi imma baqa' bla risposta. L-ghada t-Tnejn cempilli Steve filghodu u qalli li Oman kellu bzonn imur jirregistra, u qalli biex immur nara jekk Oman qamx. Jien bdejt incempillu u ma rrispondiex. Imbaghad inzilt ghal Steve ghax konna ha mmorru Malta nixtru l-hwejjeg. X'hin konna qeghdin Malta jien bdejt nghid lil Steve li kien hemm xi haga tinten u qalli li darba baqa' rieqed u kellu jqajmu wara 48 siegha. Imbaghad bdejt nghidlu li s-soltu x'hin iqum jibghat u Steve qalli imma jekk ikollu 'credit'. Ergajna bdejt ncemplulu u ddecidejna li nibghatu lit-tfajla tieghu biex tara ratux u qaltilna li ghadha ma ratux. Imbaghad Steve prova jcempel lil omm Oman u baghtilha messagg biex tmur ticcekkja qamx. X'hin wasalna Ghawdex jien ridt immur ghall-'methadone' u Steve qalli biex nitilqu fejn il-Knisja ta' Pompei, ir-Rabat. Sa x'hin mort ghall-'methadone' u sejjer lura cempilli Steve u qalli li kien hemm il-Pulizija u l-ambulanza quddiem id-dar t'Oman u qalli li kien instab mejjet.*' Spjega li qabel Steve u Oman kellhom relazzjoni intima bejniethom. Spjega li Steve ihawwad xi haga fil-kokajina Malta. Kien jiehu l-smack l-Ingilterra. Bil-kelma 'ihawwad' ried jghid li jiehu izda sa fejn jaf hu ma jaqdix.

Mistoqsi '*Taf ma min kien qed jghamila dan l-ahhar Oman?*' wiegeb ***'Naf li kien qed ikun ma certu wahda Connie, ma nafx il-kunjom, minn mindu dahal ir -ragel il-habs beda jmur jghinna fil qadi, u anki gieli telghatu Malta, u krietlu xi lukanda, u anki dahhal id-droga erojina lejn Ghawdex'.*** Mistoqsi kif jafu dan wiegeb '***Dan nafu ghax qalli hu, Oman, u qal ukoll li kienet ittih pakkett eroina b'xejn kuljum.***' Mistoqsi kemm kien ilu jghamilha ma Connie dan Oman wiegeb ***li 'kien ilu jghammila maghha minn meta r-ragel ta Connie dahal il habs.'*** L-ahhar li ra lil Oman ma Connie kien daqs hmistax ilu kien jarah '*jidhol fil-karozza ta Connie u jkellimha, imma Steve rah ukoll, anki jinqeda. Imbad qal ukoll quddiem Steve u anki quddiemi.*' Mistoqsi '*Inti f'xi hin rajt lil Connie taqdi lil Oman?*' wiegeb '*Le*'. Mistoqsi '*Jista' jkun li gieli Oman inqeda m'ghand il-Kajsu*?' wiegeb ***'Jista jkun, ghax hu kien qalli li fil bidu, mhux m'ghand Connie jew il-partner taghha Steve, imma semma kien il-kajsu.'*** Mistoqsi jekk gieli ha mieghu, wiegeb '*Mhux issa, dan l ahhar le.*' Mistoqsi '*M'ghand min kontu tixtru?*' wiegeb ***'M'ghand Connie, dan ilu qabel ma dahal il-Lesliz il-habs.***' Mistoqsi '*Ara nghidx sew li s-Sibt li ghadda veru mortu dawra bil-karozza int u Oman imma mhux biex idduru biss imma biex tixtru l-erojina u tehduha d-dar tieghu, naqblu?*' wiegeb '*Le.*' Ma kienx jaf bl-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-abbuz tad-droga li nstabu fid-dar ta' Oman.

Din l-istqarrija giet igguramentata quddiem il-Magistrat inkwirenti fid- 29 ta' Gunju, 2011. B'zieda ma dan Jethro Camilleri ried jiccara li '*Meta jiena fl-istqarrija tieghi semmejt il-partner ta' Connie, certu Steve, ma nafx x'kunjomu, irrid niċċara illi dan mhuwiex l-istess Steve l-Ingliż illi huwa ħabib tiegħi u ta' oman imma ċertu Malti illi ma nafx x'kunjomu. Naf li għandu karozza antika tal-marka Honda Civic, għandha kulur bejn griż u silver, u naf li ġie joqgħod Għawdex qisu xi sitta sebgħa ( ˜6 -7) xhur ilu, u naf illi jieħu l-methadone wkoll.*' Spjega ukoll li '*jiena għamilt żmien nixtri d-droga mingħand il-partner li kellha qabel, din Connie. Dan kellu l-laqam il-Leslies, ċertu Joseph Bajada illi naf illi bħalissa qiegħed il-ħabs. Dik il-ħabta Connie kienet tkun miegħu meta dan kien ibiegħli d-droga.*'

Mistoqsi '*Mela inti fl-istqarrija li rrilaxxajt lill-Ispettur Johann Fenech stqarrejt illi kont tixtri d-droga mingħand Connie qabel ma daħal il-Leslies il-ħabs. Tista' tispeċifika x'ridt tghid biha?*' wiegeb '*Eh, li hi, kont immur m'għand dan il-persuna, Joseph Bajada, u hi kienet tkun hemmhekk, u darba wkoll kont taċ-Ċawla li ġiet taqdini hi, quddiem il-ħanut.*'

Mistoqsi '*X'jiġifieri ġiet taqdik hi? X'ħin tgħid "ġiet taqdik hi quddiem il-ħanut"? U tiftakar meta kien?*' wiegeb '*Ma tantx niftakar eżatt iż-żmien imma ilu ilu sentejn, wara eżatt li ħriġt mill-home arrest. Jiġifieri kien qisu jien kont dħalt home arrest fl-aħħar ta' Jannar jiġifieri Frar, Marzu, April, Mejju, qisu għal Ġunju, Lulju.*' mhux tas-sena l-ohra ta' qabel jigifieri elfejn u disgha (2009). Minghand Connie xtara pakkett ta' eroina ghoxrin ewro. Kien dakinhar biss li xtara direttament minghand Connie mhux minghand il-Leslies fejn ma kienx hemm il-Leslies prezenti. Kien fl-istess zmien li hareg mill-home arrest li xtara minghand il-Leslies fejn kienet prezenti Connie qabel il-Leslies dahal il-habs. Gie muri dokument li fih ritratt ta' mara u kkonferma li hija din Connie li semma fid-deposizzjoni tieghu.

L-**Ispettur Frank Tabone** quddiem il-Magistrat inkwirenti fl-istess jum prezenta dokument dwar dettalji personali ta' Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella esebit bhala dokument B u ddikjara li dan id-dokument gie muri lix-xhud Jethro Camilleri li kkonferma quddiemu li r-ritratt li hemm fuq dan id-dokument jirraprezenta lil din Connie Vella. Dan id-dokument bid-dettalji jinsab a fol 61.

**Jethro Camilleri** xehed fil- 11 ta' Marzu ,2015 quddiem l-Ewwel Qorti diversament preseduta minn dik li ddeciediet il-kawza. Huwa spjega li kien ilu jaf lil Oman Galea minn mindu kien zghir. Jghid b'referenza ghal Oman li qabel kellu vizzju ta' eroina. Kien jabbuza mill-eroina u exstacy. Mistoqsi jekk jaf minn fejn jew minghand min kien igibha dik id-droga wiegeb '*M'għandix idea.*' Huwa gharaf lill-imputata, ilu jafha minn mindu missieru kien haj. Gieli kien go postijiet iltaqa maghha. Dwar Oman qal li '*Kien ħabib magħha għax kienet tħobbu wkoll hi.*' Kienet tiehu hsiebu. Minn wara li rrilaxxa l-istqarrija jghid li gara hafna u ma jiftakarx x'qal. Xehed li '*Jien mhux qed ngħid li mhux minnu jew li hu minnu; jien just qed ngħid, ma niftakarx minn dakinhar imma oman għalfejn kien imur għandha, kien imur għandha ħafna drabi. Anke jixtrilha ħalib u hekk xħin ikollha bzonn.*'

Xehed li Steve fuq Oman Galea kien qal '*Illi kellu upbringing mhux tajba ħafna u hekk għax ommu ma tantx kienet tagħti kas u li kellu bżonn l-għajnuna u kien jgħinu u kien beda joqgħd għandu u hekk għax hu missieru m'għandux, affarijiet fuq hekk. U li ġieli kellu xi problemi tad-droga u prova jgħinu minnhom mill-aħjar li seta*'.' Mistoqsi dwar stqarrija guramentata fejn kien stqar li xtara droga minghand Connie qabel ma dahal l-Leslies

il-habs wiegeb li ma jiftakax x'qal. Mistoqsi kienx jixtri droga minghand Connie wiegeb li '*Għax lanqas niftakar.*' Jghid li '*ma niftakarx eżatt mingħand min kont nixtri jien għax jien ġrali ħafna minn dakinhar 'il hawn*'. Jghid li Connie tnejn jaf, lill-imputata u lil iehor ragel. Mistoqsi '*Fl-istqarrija tiegħu li qiegħda esebita ukoll, Sur Maġistrat, fit-tieni paġna jekk nista' nagħmel jiġifieri riferenza għaliha, jien għandi kopja jiġifieri, inti kont għidt illi Oman Galea ġieli xtara pakkett eroina mingħand Connie.*' wiegeb '*Imma dak x'kien jgħidli hu.*' Jghid li ma rax b'ghajnejh. Oman Galea kien qallu li kien jixtri droga, eroina jahseb u semma lil Connie imma ma jafx liema. Jghid li minn meta rrilaxxa l-istqarrija spicca jixrob hafna, kien qed jigrilu hafna blackouts u hekk minn go mohhu. Ma jiftakarx li qal il-kliem suggerit mill-Ispettur u cioe' fejn meta gie mistoqsi "*Barra dakinhar kien hemm xi okkażjoni oħra fejn inti xtrajt id-droga eroina direttament mingħand Connie u mhux mingħand il-Leslies fejn ma kienx hemm il-Leslies preżenti?*" U fejn it-twegiba kienet "*Le, dakinhar biss.*" Jghid li miet l-ikbar habib tieghu, tkun ixxukjat.

Mistoqsi:

*<u>'Spettur Johann J. Fenech:</u>*

*Mela, Oman Galea qallek kemm kienet iżżommlu flus din Connie ta' dan il-pakkett eroina?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

***Naħseb bħalma kienet iżżomm lil kulħadd, twenty jew thirty euros (€20- €30)***.

*<u>Il-Qorti:</u>*

*X'għidtli? Erġa' għidli.*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Naħseb bħalma kien jixtriha kulħadd. Twenty jew thirty euros jekk konna bil-euros dakinhar.'*

Mistoqsi kemm kienet tbieghlu spiss u kemm '*kien imur għandha biex jixtri spiss?*' wiegeb ma jafx. Mistoqsi '*Inti hawnhekk kont għidtilna ki kienet ittih pakkett eroina b'xejn kuljum. Milli għidtli għax qallek Oman Galea.*' wiegeb '*Milli qalli hu, iva.*' Jghid li lanqas jiftakar li qallu hekk lill-Ispettur.

**Jethro Camilleri** xehed in kontro-ezami fid- 19 ta' Ottubru ,2017 fejn mistoqsi '*inti mingħand Connie Vella hawn preżenti qatt ma xtrajt droga, int x'tgħidilna?*' wiegeb '*Jien*

*ngħid bħalma diġa' għidt eh. Dak kien żmien diffiċli, jien blokkjajt ħafna affarijiet. Jien ma niftakarx eżatt, għalxejn nipprova niftakar.'* Mistoqsi '*illum ma tiftakarx. Imma dakinhar li għidt dakinhar*' wiegeb '*Anke' dakinhar għax hi qegħda tgħid tlett (3) okkażjonijiet li għidt differenti, meta jiena kien hemm meta tlajt Malta u meta ġejt tlajt hawnhekk quddiem il-Qorti. Dawk tnejn (2). Allura kif hemm tlieta (3)?*' Mistoqsi jekk dakinhar qal il-verita' wiegeb '*Ifhem jien nipprova ngħid il-verita' kemm nista*'. *Għalhekk tieħu l-ġurament.*' Mistoqsi:

'<u>*Avukat Difensur*</u>*:*

*Imma inti qatt xtrajt droga mingħand Connie Vella?*

<u>*Xhud*</u>*:*

*Ifhimni*

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Mhux issa taf. Għax issa qiegħed clean.*

<u>*Avukat Difensur:*</u>

*Le, fil-passat mhux issa.*

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Fil-passat.*

<u>*Xhud*</u>*:*

*Li kien hemm hi, li jista' li kien hemm hi preżenti... imma mingħandha personali jien ma niftakarx li xtrajtha mingħandha personali.'*

Mistoqsi '*Ara ngħidlekx sew illi mhux talli inti qatt ma xtrajt mingħand Connie, talli kif jirriżulta f'paġna 56 tal-proċess inti qatt ma rajt lil Connie taqdi lil Oman, illum mejjet.*' iwegeb '*Dik jien diġa' għidtha.*' Hu u Oman kienu jafu lil xulxin, marru skola flimkien u mbad bdew jaghmluha ma xulxin, qisu seba', tmien xhur. Dwar Connie, spjega li '*Naf li kien imur jgħinha. Hi kienet tħobbu, ma hemmx xi tgħid, kienet tieħu ħsiebu hux. U hu kien jieħu ħsiebha lura.*' Mistoqsi dwar ir-referenza ghal Connie li kienet tinxtara d-droga minghand Connie jekk ghandux certezza mija fil-mija li kien qed jghid ghal Connie Vella jew setghet kien ghal Connie r-ragel qal '*Ma għandix ċertezza mija fil-*

*mija, le.*' Jista' jkun li kien qed jirreferi ghal xi hadd iehor '*fid-dinja jista' jkun kollox.*' Dwar Oman jghid li '*bħalma kont nikkonsma jien eh. Jien għaddejt minn żmien diffiċċli, kont nieħu l-eroina u hu kien jeħodha wkoll. Ifhimni minn kollox konna nieħdu. Ectasy, u hekk, Ifhem droga hux.*' Mistoqsi jekk qallux x'tip ta' droga kien jixtri minghand din Connie jew minghand dan Connie wiegeb '*U iva jista' jkun, jista' jkun. Għax ma nistgħax ngħidlek eżatt. Jien minn dakinhar mhux lil Oman biss tlift.*' Jghid li l-mohh jibblokja hafna affarijiet. Ma jistax jghid ezatt.

In ri-ezami kkonferma lil Connie ragel hu u Oman kienu jarawh, kien jiltaqa' mieghu. Mistoqsi '*U inti dan il-persuna taf jekk jabbużax mid-droga*?' wiegeb '*Ifhem ghandi idea*', mistoqsi '*U x'idea għandek? Jabbuża jew le?*' wiegeb '*Imma mbagħad ħa ngħiduha fl-aħħar mill-aħħar inti ma tistgħax tkun ċert mija fil-mija*'. Mistoqsi '*Jigifieri inti ma tiftakarx jekk kienx qed jixtri mingħand Connie? Mingħand Connie kien qed jixtri jew le?*' wiegeb '*Mija fil-mija? Li aħna fil-Qorti rridu ngħidu mija fil-mija le.*'

Illi wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali fl- 20 ta' Settembru, 2019 kienet annullat is-sentenza u baghtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti, **Jethro Camilleri** xehed in kontro ezami fil- 15 ta' Jannar, 2020 quddiem il-Qorti li ppresediet is-sentenza appellata.

Mistoqsi dwar li qal li ra lil Connie taghti lil Oman wiegeb li ma jahsibx li qal hekk qatt. Jghid li ghaffeg hafna u ltaqa ma hafna nies, ma jistax ikun cert mija fil-mija. Mistoqsi '*is-Sinjura qatt għaddietlek droga? Sempliċi d-domanda, iva jew le!*' wiegeb '*Li kienet hi hi, ma naħsibx.*' Jghid kien hemm nies ohra, kien hawn hafna nies izda ma jistax isemmi. Jghid li jekk isemmi xi affarijiet tigi kontrih bhalma diga qed jigri l-kliem go Ghawdex. Jghid li ghandu familja. Jghid li kien hemm hafna nies li kien jinqeda. Mistoqsi '*Hi qatt qdietek? Sempliċi!*' wiegeb '*Li kienet ma' nies, iva.*' Mistoqsi '*Mingħandha qatt tatek*?' wiegeb '*M'hiniex hundred per cent ċert. Dik il-biċċa.*' Jghid li minghand Joseph Bajada il-Leslies kien jinqeda. Mistoqsi jekk Connie kienet tkun mieghu meta jinqeda wiegeb '*Ġieli probabbli.*' Mistoqsi jekk Connie kienet tkun hemm wiegeb '*Kienet il-mara tiegħu.*' Qatt ma kien jiltaqa god-dar. Barra. Mistoqsi '*Jiġifieri ġie li l-Leslies bagħat lilha b'xi ħaġa għalik?*' wiegeb '*Meta kienet -*' Dwar l-inkjesta qal '*Kont qiegħed sick u ridt nitlaq. Jien kont qiegħed Malta, kien wasalli l-ħin għall-mediċina, mort għaliha tard. Jien kont qed nieħu l-metadone qabel.*' Dwar li fl-istqarrija kien qal li

kien tac-Cawla li giet taqdini hi quddiem il-hanut, jghid li hemm aktar minn hanut wiehed tac-Cawla u li ma kienx jahdem dak iz-zmien. Ma jiftakarx. Mistoqsi gidibx lil Magistrat wiegeb '*Le. Mhux qed ngħid għax gdibt. Hemm differenza bejn tigdeb u ma tiftakarx x'ġara bl-eżatt.*' Mistoqsi dwar li qal dak inhar, jghid li ma ghandux ghalfejn jigdeb. Suggerit lilu li dak iz-zmien Joseph Bajada kien il-habs wiegeb li forsi mar zball fiz-zmien. Jghid li mal-Leslies x'hin miet Oman lanqas kien ghadu jitkellem mal-Leslies. Dwar meta semma lil Connie Vella fir-rigward tad-droga bhala zmien, wiegeb ghadda z-zmien, ma jistax jiftakar. Mistoqsi kellux ghalfejn jigdiblu lil Magistrat meta kkonferma l-istqarrija, wiegeb li ma kellux ghalfejn jigdiblu le, izda jghaggel. Ma jahsibx li gideb. Mistoqsi dwar jekk Oman qallux minn fejn kien igib id-droga qal '*Jien ma nafx qattx semmejt ismijiet imma mhiniex lest li ser nerġa' nsemmihom.*' Jghid '*U x'ma ninkwetax! U jien x'ħin noħroġ minn hawn hekk ninkwieta, Sinjura, bir-rispett kollu, xħin noħroġ minn hawnhekk -*' Kien ikun ma Oman u ilu jafu ta' tlettax il-sena. Mistoqsi jekk qallux li kienet taghtihielu Connie wiegeb '*X'kienet tagħtih ma nafx. Hux veru jew le ma nafx. Kien ikun għandha kuljum.*' Jghid '*Dik ma għandhiex x'taqsam. Hi lilu kienet tħobbu. Dik diġa' għidt jien.*' Ma jiftakarx li Oman semma li kienet ittihielu hi.

**Steven Paul Durward** irrilaxxa stqarrija bil-lingwa Ingliza fid- 29 ta' Gunju, 2011. Din tinsab a fol 62 et sequitur. Ilu jghix Ghawdex ftit aktar minn erba' (4) snin u jahdem bhala '*freelance security officer*'. Kien ilu jaf lil Oman Galea ghal tlett snin u kienu hbieb sew. Mistoqsi jekk ghandux problema bid-droga wiegeb li le ma ghandux. Jikkonferma li jiehu kokajina '*On special occasions.*' Ikkonferma li Oman Galea kellu problema bid-droga u li kien qallu li kien ilu jiehu droga minn meta kellu tlettax (13)-il sena. Kien juza kull tip ta' droga li jpoggi idejh fuqha. Qatt ma qasam drogi jew offra drogi lil Oman. L-ahhar li ra lil Oman kien is-Sibt filghodu u li semgha lehnu is-Sibt wara nofsinhar. Prova jcempillu diversi drabi. Spjega li '*I didn't think it was somethig unusual until his girlfriend started texting me when I was working in the boat party. I then told her to go and check on him and she told me that Oman was snoring but was scared to wake him up because he was holding a 'thing' in his hand. That 'thing' later resulted to be a knife. I must say that when Oman sleeps on his own it was usual for him to keep a knife under his pillow or under the bedside table because he owed money to a lot of people and was afraid. I told her to pick a broom and try to wake him up but she told me that*

*she was afraid of the knife, which is understandable, and I told her to make sure that he was breathing, which she did. She also told me that he had just moved and I thought that was a satisfying answer. This was about 23:30hrs on Saturday. Due to this, I continued working. After finishing work at Horatio's at about 04:00am, I went to sleep and woke up the next morning at about 10:00am. I then went up to work in Xewkija feast and I remained there till 18:30hrs, I went back to sleep and went back to work to Xewkija at around 21:30hrs. I remained about 02:00am. In the meantime, I didn't think something was wrong with Oman because it isn't unusual for Oman to sleep for two days straight up.*' Spjega li '*I started texting him Sunday evening to tell him that he must go to register for work the next day but that I didn't have a car. Since it was Monday, she was working and couldn't go over to check on him so she asked him to tell Jethro to go and check on him. I in fact asked him to go and pop across but didn't do so because further down the street where Oman was found dead, his relatives were outside, and since they are at loggerheads with Jethro's family, he turned round. I have to state that Oman's grandparents live some two doors down his residence and didn't even bother to check on him because again, for oman to take long naps is something common.*' Spjega li '*When we were coming back from Malta to Gozo on the ferry, Jethro had a bad feeling and I started feeling paranoid because of the messages I started receiving from his girlfriend. I then called his mother to go and check on him. His mother then found him dead and soon afterwards I arrived.*'

Spjega li '*On Saturday morning I was at his house cos he was feeling very depressed and sat there for just over an hour, just talking to him and comforting him. I then told him to come over to my place in Marsalforn and as we passed the Tapaj bar, he received a phonecall and told me to leave him there. That was the last time I saw him alive.*' Fid-dar ma rax affarijiet relatati ma droga. Ma jahsibx li Jethro involut. Mistoqsi '*Was Oman frequenting some bad company lately?*' wiegeb ***'Lately he had been hanging around with Connie from Marsalforn and her boyfriend called Steve. I would see oman lean into Connies' car, give her money and Connie giving him packets made of foil. I've noticed this deal at least twice. I also warned Connie that I would be speaking to the police about all this.'*** Dan gara tlett gimghat qabel f'Marsalforn, wara l-flat tieghu u t-tieni darba kienet fil-car park ta' Marsalforn. Oman qallu li kienu jikkontjenu l-erojina.

Fid- 29 ta' Gunju, 2011 **Stephen Paul Derwood** ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament. Gie muri dokument immarkat bhala doc 'B' u wiegeb ***'Connie, that's the***

***lady that's ... to Oman. On this document which I am being shown by Inspector Tabone I recognize the person I referred to as Connie in my statement, and I say again that this is the person who used to supply Oman with drugs.'*** L-ahhar li ra lil Connie ma Oman kien il-Gimgha filghodu. Spjega lii '*Near the Beehive, that's where I him talking to her in the car, at that time. ... The Beehive is a takeaway bar in St. Francis Square.*' Mistoqsi '*Was Connie handing drugs to Oman at the time?*' u wiegeb '*My answer is not at the time.*' Mistoqsi '*How can you confirm, how can you be sure that in fact Connie was handing over drugs to to Oman?*' wiegeb ***'Two (2) times that I've mentioned I saw them personally cause I was walking the dog at the car park and I saw them going to Marsalforn, go to the car, ... the window, give him the money, she passes the silver packets and that's when I told her but I should have said it earlier but ... coming to see ... Oman and because. ... And I warned her twice.'*** Meta qalilha li se jirraportaha lil Pulizija '*She left, she left.*' Spjega '*She left because she said, "Oman won't back your story up."*' Spjega '*She laughed at me because she said, "Oman would not back my story up." So. And I knew he wouldn't ... with me, I know he wouldn't.*' Mistoqsi '*Earlier you mentioned that you saw Connie passing the packets to eh to Oman. Eh, how many days ago it was? Let's say, you saw.*' Wiegeb li madwar tlett gimghat ilu. Spjega li '*I took it off him, i took two (2) off him, and i took them in the car park in Marsalforn, ... joints of the drug ... and that she ... that; two (2) I took from him,*' Zewg '*Packets, silver packets.*' Iccekjahom u poggihom hemm.

**PC 883 Paul Azzopardi** xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti fid- 29 ta' Gunju, 2011 fejn spjega li illum hu flimkien ma' PC 1371 u Steve Deward nizlu fil-parking ta' Marsalforn fejn hemmhekk huwa allega li kien halla zewg sachets go xaqq ta' hajt tas-sejjieh fil-parking area. Marru fuq il-post ghal habta tad-disgha u kwart fejn irrikonoxxa l-post fejn kienu u sabuhom fil-post li semma huwa. Qallu gol-hajt, xaqq go hajt. Elevawhom u esebuhom. Huwa kkonferma li dawn huma s-sachets li kkonferma li dawn huma. Dawn is-sachets kif instabu go foil tqeghdu go borza tal-plastik u gew esebiti bhala dokument 'E'.

**PC 1371 Alfred Grech** quddiem il-Magistrat Inkwirenti ukoll xehed li llejla ghal xi d-9.15pm wara li Steve Deward li gharaf quddiemu qal quddiem il-Magistrat li kien lest u ftakar f'zewg sachets li kien heba u ha minghand Oman, kien lest li jinzel maghhom fil-prezenza tgahhom jara jergax isibuhom u fil-fatt nizlu fuq il-post, u

wara li fittxu ftit fil-hajt kien hu stess li sabhom dawn iz-zewg sachets u uzaw turnavit biex gibduhom lura. Gharaf li kienu l-istess zewg sachets li hu kien ha minghand Oman. Gabruhom u gharaf li kienu l-istess zewg sachets.

**Stephan Paul Derwood** rega xehed bil-lingwa Ingliza quddiem l-Magistrat Inkwirenti fid- 29 ta' Gunju, 2011 fejn gie muri dokument 'E' li jikkontjeni plastic bag b'zewg sachets 'in tin foil' u xehed li '*These two (2) sachets are the two (2) packets I took from Oman the day I had seen him leaning through the window of Connie's car, passing the money ... and the two (2) packets he received, which I took off of him after, and I placed them in Marsalforn car park because I didn't want him to have them, and we've just been back to find them again, they were still there.*' Dan kien madwar tlett gimghat ilu izda ma jiftakarx ezatt id-data.

**Stephen Paul Durward** xehed bil-lingwa Ingliza fit- 8 ta' Novembru, 2016 quddiem l-Ewwel Qorti diversament preseduta minn dik li ddecidiet is-sentenza appellata. Huwa kkonferma li qal dak imnizzel fl-istqarrija a fol 62 sa 67[3] lil Pulizija. Jiftakar ukoll x'qal lil Magistrat. Mistoqsi dwar li fl-istqarrija semma persuna, huwa gharaf lil imputata bhala Connie. Xehed li '*I would like to say a lot yes to be honest because the statements that I made then, this is a long long time ago, and being honest this isn't all, I'm not one hundred percent sure that this is true, to what I said, to what I said that day and to what I have accused Connie of doing. It's not all true as in I can't be one hundred percent sure hand on my heart that it is honest. At the time I lost my friend, I was very angry*'. Jghid '*I was very angry Your Honour and I wanted to blame the woman that I believed put him in his grave. It was very very fresh in my mind and they were very close and I was so angry at the time that I wanted to blame someone. And not only did I want to blame the people who were obviously involved-*' Mistoqsi ghala wahhal fiha, wiegeb '*Because she was the only one that he used to hang out with. She was the one who I personally blamed.*' Jghid li '*they were known to be around together, they were known to be doing drugs together at the time. That's why.*' Ix-xhud cahad li kien qieghed jiehu drogi maghhom. Spjega '*Oman used to live with me didn't he and I used to see when he left the house and so I used to see where he went and with who he went out with.*' Mistoqsi '*What led you to say that they were taking drugs together?*' wiegeb '*Because he used to tell me.*' Qatt ma rahhom jiehdu drogi

[3] L-istqarrija tinsab a fol 62 sa 64 filwaqt li dak mistqar quddiem il-Magistrat Inkwirenti jinsab a fol 65 sa 67. Huwa rega xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti a fol 76 sa 77.

flimkien. Jghid '*I only saw when he came back to my home, what he would look like.*' Ix-xhud gieli ha droga izda mhux maghhom.

Mistoqsi '*So I am referring to fol 64. "Lately," and I'm quoting, "lately he had been hanging around," I am speaking about Oman, the question was if Oman was frequenting some bad company lately, and then you are answering, "lately he had been hanging around with Connie from Marsalforn and her boyfriend called Steve. I would see oman lean into Connie's car, give her money and Connie giving him packet made of foil. I have noticed this deal at least twice. I also warned Connie that I would be speaking to the police about all this" "When did this happen?" "Like three weeks in Marsalforn just behind my flat. The second time was in Marsalforn car park." "Did Oman ever tell you what the packets contained?" "He told me they contained heroine." "Do you wish to say something else?" What do you have to say about this?*' wiegeb '*Well when I made the statement on the day and i'd seen him lean into the car, I didn't see the deal, I didn't see which way it went. i just put the words*'. Mistoqsi tax xhieda falza, qal li le mhux falza. Ikkonferma li qal dak il-kliem u li '*I didn't invent the whole story, no.*' Spjega '*I saw him leaning in and going into the car -*' Jghid li dan zmien ilu, hames snin ilu. Dalghodu qal lill-imputata '*hello*' jew '*good morning*' izda ma ddiskutiex il-kaz mal-imputata. Mistoqsi '*You told the police that you saw Oman leaning into Connie's car give her money. Do you remember the amount?*' replied '*I don't remember. This was a long time ago. This was five years ago. I can't even remember what I was doing yesterday.*' Xehed li '*I'm not saying that it's not the truth. I'm not saying which way it was happening. I can't be one hundred percent sure, today if you want me to be honest, a hundred percent, i can't say that I saw him him giving her money -*' Mistoqsi dwar li qal li Connie taghtu pakketti maghmulha mill-foil wiegeb '*I've told you. I can't be one hundred percent honestly sure that it's correct the way I said it. And if that is going to get me into trouble for telling the truth, then I'm going to get into trouble. I can't go today, you made me swear on the cross, and tell that yes it's one hundred percent in my mind without doubt when it's not. It's not in my mind one hundred percent. I was just so angry that he died that I wanted it to be one hundred percent and I wanted to blame. But this was five years ago.*' Spjega li '*He would stay with me and he would always disappear. Oman was a free agent. He would come and go as he pleased.*' Mistoqsi dwar li fl-istatement qal '*I warned her twice*' wiegeb li '*Warned her about getting him into trouble, I didn't want him getting into trouble. She was a bad influence. She was older, he was younger, she was*

*influential.*' Kien wissa lil Connie dwar bad influence. Spjega '*Just doing what they did. Going around and whatever they were doing because every time they went out it was never going to be good news. She was just bad influence. You know when somebody is hanging about with somebody who is older and you think they can influence them. Well Oman was really no angel, everyone knows that, I just tried to keep him on the straight and narrow. And I didn't succeed.*' Dwar il-pakketti silver li semma fl-istatement spjega li '*They contained heroine.*' Mistoqsi jekk Oman qallux minn fejn gabhom wiegeb '*No he said they were his. I've took them from him. I should have destroyed them really but I didn't because I thought that he would get sick and he might need them.*' Ma jiftakarx fejn kien dakinhar izda jekk qal li kien fil-carpark mela hemm kellu jkun. Dwar li kien qal li ra lil Connie tghaddi pakketti lil Oman wiegeb '*I had seen something going on yes, but when I said packets, this is the part I am trying to make clear now. I can't be one hundred percent on my heart that it was that way round. It could have been Oman. Oman had a reputation but I couldn't believe that it was Oman doing wrong. In my eyes it was Connie who was doing wrong, not Oman. But we all know that he wasn't no angel.*' Jghid li '*I've had a lot happen in my life in these last five years. Remembering something like this, I can remember him dying, clearly. I can remember the morning finding him but that's about all that I can remember of that day.*'

In kontro-ezami qal li Oman kellu hbieb ohra. Oman kellu problema ta' droga minn meta kien very zghir, tlettax jew erbatax. Spjega li '*He had a big problem with heroine. I was trying. I nearly, nearly, got him clean, but he kept slipping back down, he kept going back. Your Honour, I don't, today I just don't want to be one hundred percent hand on my heart, getting somebody into trouble just because I wanted to have revenge on his death. At the time I was so angry.*' Iltaqa ma' Oman meta Oman kellu hmistax u miet ta' dsatax. Darba mar ghand Connie u Steve jieklu. Qatt ma rahom jiehdu droga fil-kumpanija tieghu. Mistoqsi jekk fix-xahar qabel ma miet jekk kienx permess jew kienx imur ghand Connie fid-dar taghha, minn dak li jaf wiegeb le.

**Stephen Paul Durward** xehed bil-lingwa Ingliza in kontro-ezami fid- 19 ta' Ottubru, 2017 u saret referenza mid-difiza ghal dak li qal a fol 230 fejn kien qal li wahhal fl-imputata u kkonferma li kien qal hekk. Spjega '*I was angry, very angry at the time, like Connie was all the time with Oman so I blamed Connie. So ... ... together, so, I was angry. I had just lost a very good young friend of mine.*' Spjega li '*I was honest I cannot be one*

*hundred percent, because I could not see into the car an actual deal going on. I just saw him after when he was in the house when I found ... on him. So which way the deal went I cannot be sure.'*

Mistoqsi '*Do you know hundred percent who was giving the money?*' wiegeb '*No, or taking the gear , no. I do not know which way it was happening.*' Mistoqsi dwar il-motivazzjoni tar-retraction tal-allegazzjonijiet li kien ghamel fl-istatement wiegeb '*Because time has passed and I had time to reflect and I just wanted to blame a hundred percent a just wanted to blame Connie, and that was the main, but to be honest I cannot be a hundred percent no more.*'

In ri-ezami mistoqsi ghala ried li jwahhal f'Connie wiegeb '*Because they were always together. I was only ... ... ... to see them together. I did not see him with anybody else. It is not like you hanging out with a lot of people*' Li '*he looked at her like his mum, that he did not really like his real mum and he looked at Connie more of a mother figure.*' Mistoqsi '*So, you never saw her giving him any type of drugs?*' wiegeb '*No, no. I knew things were going on but I did not see it. Not myself.*' Jghid li '*Because I was angry. And not only just because I was angry but everyone wanted the blame to go to Connie.*' Jghid '*Ourselves and the police, everybody. They all ... ... nobody liked Connie. Connie ... ... all my family, everybody wanted it to be Connie.*' Jghid '*I did not invent anything up. At the time it is what I believed to be true. I did not invent it up. I did not make a story up. What I have seen I have seen. But I cannot say which way it happened.*'

Mistoqsi '*But you are saying that you saw a deal inside the car.*' wiegeb '*I did not say I had seen a deal. I have seen something going on...*' Mistoqsi b'referenza ghal dak li qal fl-istatement a fol 64 u cioe '*I would see Omar lean into Connie's car, give her money and Connie give him packets made of foil. I have noticed this deal at least twice. I also warned Connie that I would be speaking to the police about all this.*' Jikkonferma li kien qieghed jirreferi ghall-imputata. Mistoqsi '*So you told the police that you saw Oman on two occasions leaning into her car and give her money and she gave him packets made of foil.*' wiegeb '*That is what I thought yes. I did yes.*' Mistoqsi '*And you also told him when you were asked "When did this happen?" "Like three weeks in Marsalforn just behind my flat. The second time was in the Marsaforn car park."* wiegeb '*Yes. I had believed it to be true. I do not remember all of it off heart no.*' Mistoqsi '*You remember?*' wiegeb '*Only because I*

*can see it know yes.*' Saret referenza ghall-istqarrija dwar dak li ra jigri u cioe' Oman mal-karozza ta' Connie fejn taghha flus u taghtu packets ta' foil u dak li gara fil-car park Marsalforn u mistoqsi jiftakarx jghid iva u ikkonferma il-firma tieghu fl-ahhar tal-istqarrija. Mistoqsi meta kien qieghed jghid il-verita jekk dak in-nhar fl-elfejn u hdax (2011) u cioe' meta ta' l-istqarrija wiegeb '*At the time I gave the statement I believed it to be the truth yes.*' Jiftakar li kkonferma l-istqarrija quddiem il-Magistrat.

Illi wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-seduta tal- 20 ta' 2019 kienet annullat is-sentenza u baghtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti, **Stephan Durward** rega xehed bil-lingwa Ingliza in kontro-ezami fil-15 ta' Jannar,2020 din id-darba quddiem il-Magistrat li ppresediet il-Qorti li ddecidiet is-sentenza appellata. Mistoqsi dwar il-verita' peress li kien ta' verzjonijiet differenti qal '*I seen an exchange take place, I was walking the dog. I was like walking and looking. Not one hundred per cent I can't say which way the exchange was going.*' Meta kien miexi mal-kelb ma kienx miexi ma' Oman. Spjega li '*Oman got into Connie's car. Not in leaning to.*' Jghid '*At the time I didn't see exactly what happened. Because I kept walking, when I got home, Oman was home by than.*' Kien rahhom hekk ghalhekk jikkonferma li ma jafx kemm kien ilhom hemm u ma sema xejn f'dan l-exchange bejn Connie u Oman. Ma jistax jikkonferma jekk l-exchange tal-pakkett kienx qed isir minghand Oman jew minghand Connie. Il-pakkett kien zghir hafna, kemm foil, jikkonferma li daqs zewg ewro jikkonferma mhux ikbar mill-upper part of the thumb. Il-foil rah f'idejn Oman. Intqal:

'*The Court: You are opening the palm of your hand, so his hand.*

*The witness: Was open, yes.*

*The Court: His hand was open and there was. So what happened to that foil than, if it was on his open hand? This is very descriptive. The foil was on an open palm, and therefore what happened?*

*The witness: Obviously, he closed it.*

*The Court: He closed it?*

*The witness: Yes, he closed it.*

*The Court: Can you stop it? He closed it. And then did what?*

*The witness: Then walked away.*

*The Court: So, the foil was on the palm of his hand, he closed it. So that's the first glimpse you had with the foil on his hand.*

*The witness: Yes. The only glimpse I had had at that moment.*

*The Court: And he walked away.*

*The witness: Walked away, yes.'*

Xehed li '*I didn't see an exchange, the actual exchange of the money*'. Mistoqsi '*did you see the foil thing that was in Oman's hand, did you see coming from Connie's hand?*' wiegeb '*It was already in Oman's hand.*' Ma jistax jghid jekk kienx qed juri xi haga lilha jew jekk kienx qed jircievi xi haga minghandha. Jghid '*The exchange, I can't enlighten. He took something*'. Jikkonferma li '*He jumped out with his hand and moved away.*' li '*Not jumped out like jumped out. He was happy with what he had received. I assumed he was happy with what he had received.*' Jikkonferma li l-gesture li ra kien ta' persuna li jkun ircieva xi haga. Mistoqsi '*As a person who knew Oman, you are concluding that he had just received that.*' wiegeb '*Yes. Yes.*' Mistoqsi '*You made a very distinctive, pulling away that is closing his arms and pulling away.*' u wiegeb '*Yes.*' Il-Qorti kkummentat '*Here the witness is indicating the arm positioned in right angles closing the fist and moving away.*' Huwa ma rax exchange ta' flus. Ikkonferma li Oman irrefera ghal Connie bhala omm. Jghid li kienet '*A bad relationship.*' Jghid li kien ihobba peress li ommu ta' vera ma kinitx omm tajba. Jghid '*I tried for a while to keep Oman off drugs and away from the kind of scene he was in. But Connie was in that scene, that scene of drugs and badness.*' Jghid li kulhadd kien jaf. Jghid '*I never personally seen. They would never do anything because they knew my opinion. Nothing was ever done in front of me and they met, they would always meet secretly, they would never let me know they were meeting or anything.*' Jghid '*I used to see the mess he used to be back home me.*' Kien jghidlu li kien ikun maghha u l-boyfriend taghha. Kien jarah fi stat normali meta jitlaq mid-dar. Jghid '*when he come back he be more relaxed and more open, talking, I did say look at the mess you are in, oh don't go on, so you have been with Connie again. You're going on and on.*' Jikkonferma li ma kienx jinnega. Ma kienx jghid li kien qed jiehu droga u li kien ma' Connie. Qatt ma ra lil Oman jiehu droga fil-prezenza ta' Connie. Ix-xhud kien mar jiekol ghand Connie darba jew darbtejn. Oman kien jghix mieghu. Matul il-gimgha

ma' Ommu u Marsalforn fil-weekends. Jethro kien jghix ma ommu. Jikkonferma li Oman kien jghid li Connie gieli preparatlu ikel u li qal li habba bhala omm u hi bhala iben. Kienu hbieb u kellhom relazzjoni tajba ghal zmien twil. Mhux kull darba li tkellem dwar Connie kien f'dak l-istat. Jghid li Oman kellu hbieb ohra.

Mistoqsi '*But what makes you pinpoint his relationship with Connie as the one which brought about his state as an addict?*' wiegeb '*There were two occasions, I noticed. The first time I paid, I have seen him in a mess after, and the second time I took them from him,*' Jekk jafx minn fejn gabhom jghid '*That was the second time, it was the time when I seen in the car parking, then when Oman came back to the house.*' Kienet l-istess okkazzjoni, hadlu z-zewg pakketti li ra f'idejh. Kellu zewg pakketti tal-foil. Jghid li '*I asked him where he got them from. I said, "you just took them from Connie in the car park where I have just seen you!"*. Ikkonfrontah u nnega li gab dawn l-affarijiet minghand Connie. Kien jiltaqa ma Connie u Steve. Xehed '*Why I targeted Connie? I didn't target Connie. I had sinned on two occasions myself, twice the dealings. I can't be hundred per cent sure, but on the two occasions -*' L-ahhar darba kien fil-parking ta' Marsalforn u l-ewwel hdejn l-appartament tieghu Marsalforn, kienu xahar bejniethom jghid li '*I only saw the main one, where I seen the foil, the one before I didn't see. I just keep seeing me talking to Oman and I'm asking him not to keep seeing them*'. Ma rax id-droga jinghaddew minn id Connie ghal id Oman u lanqas flus. Mistoqsi '*The fact that they are meeting, to you, equals that he is getting drugs from Connie.*' *wiegeb* '*Yes.*' izda ma rax drogi ghaddejin minn id Connie ghal idejh u lanqas flus.

Mistoqsi mill-Qorti x'gieghlu jahseb li hi kienet qed tissuplixxih bid-droga wiegeb '*Conversations I used to have with Oman. Everytime he was either messed up or he was going late to meet Connie he would always come back in a mess, always. I did say to her on occasions, "You need to stop. He looks up to you, he thinks you are the mother, stop, you are leading him the wrong way."*' Mistoqsi x'irrispondiet wiegeb '*She just laughed.*' Jghid '*She said she is a good mother, at one time. I have seen the good side to her. There was the good side.*' Mistoqsi '*When you confronted her, and asked her to stop telling him drugs, what was her?*' wiegeb '*They laughed, they laughed like it is a big joke.*' Jghid li '*There was a day when we were at her house eating rabbit.*' Spjega '*At her house, yes. Because I am a believer in keeping your friends close and your enemies even closer. I need to know what he was up to all the time. And I couldn't do it because the more I was trying to stop it, the more I got to*

*know less.*' Mistoqsi ghala t-tieni darba li xehed kien biddel il-verzjoni, qal li ma kienx mhedded u hadt ma avvicinah jghid li '*It is just my assumption, because what I find on him after; I just knew he was lying. And I know where he got it from. You do not need to be a rocket scientist. I knew what was going on around me.*' Ikkonferma li Oman kellu kuntatt ma diversi persuni. Jghid li Jethro kien drug user. Ix-xhud ha drogi '*On one single occasion and this was in England.*' Uza droga mhux f'okkazjoni wahda. Ix-xhud kien il-habs minhabba vjolenza u droga. Kellu boyfriend jismu Jake li miet b'overdose ta' droga. Ma kienx il-boyfriend dak iz-zmien. Ikkonferma li kellu hbieb li kienu jiehdu droga regolarment. Jethro ma kienx jiehu droga quddiemu. Ma jistax jikkonferma jekk Jethro kienx jissuplixxi droga lil Oman. Sa fejn jaf hu Jethro ma kienx qieghed ibiegh droga. Jghid li '*Jethro, to my knowledge, was also trying to help Oman, as much as they were both at the time using. He wouldn't be giving it. In my opinion, he wouldn't be giving it. No.*' Mistoqsi ghala wahhal f'Connie mhux f'Jethro wiegeb '*Because I seen what I have seen twice the occasions and they were meant to be so close and everything, so I just, Connie was the one on my mind. Connie is the one I have seen doing.*' Jghid '*I came to this conclusion because the occasions that I have seen was from Connie, when I have seen him in the mess after and I just put not two and two together, I knew.*' Kien konvint.

Dwar l-ewwel incident li kien hdejn id-dar qal li '*Similar to the car park, but I didn't see nothing in the hands. He is in the window again talking through the window, the same scenario in the car parking.*' Kien busy dak inhar u ma kkonfrontahx. Dwar meta kien qed jiekol il-fenek u hi dahket u ddeskriva d-dahka bhala '*Look, I do not know what I am talking about. Laugh, "pfffff*". Spjega '*Like Oman loves me more than he loves you,* and "*what do you know!" kind of.*' Ma kinitx ixxukjata, ma kienx hemm denials. Mistoqsi '*These drugs that you presumably saw exchanged with three (3) weeks prior to Oman's death, that's what you are saying. Ok?*" wiegeb 'Ok.' jghid '*I am not sure the time, three weeks prior or -*'. Ma jiftakarx ezatt meta, ma kienx snin qabel ma miet. Kien fl-istess sena. Ma jiftakarx l-istagun. Ghadu f'kuntatt ma Jethro, ghadhom hbieb. Ma Connie ma ghandux kuntatt, jekk jaraha ghaddejja jghidilha hello.

Mill-istqarrija rilaxxata minn **Maria Concetta Borg** fid- 29 ta' Gunju, 2011 li l-ammissibilita' taghha ma gietx ikkonestata mill-appellanta nonostante l-fatt li din mhijiex iffirmata mill-imputata u li hi ma nghatatx id-dritt li jkollha Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija u ghalhekk din il-Qorti qieghda tqisha ammissibbli, hija

kienet cahdet li tiehu droga izda li tiehu methadone u li qed inaqsulha d-doza taghha. Spjegat li kienet taf lil Oman Galea, li daqs tlett snin ilu Oman Galea beda jkellem lil ex partner taghha Joseph Bajada fuq droga u saret tafu. Li stidnitu ghall-ikel mal-habib tieghu u li meta gie d-dar taghha ma deherx li kellu problema anzi kien 'too fit'. Ratu madwar erba' gimghat ilu meta gie d-dar u ma gharfitux. Staqsietu x'kien qed ihawwad u qalilha li rega waqa. Staqsieha ghal sigaretti u flus, taghtu sigaretti izda flus ma kelliex. Meta ratu l-ahhar qal li xeba jghix ghax kellu xi jghid ma' Steve, hassu abbandunat ghax hadd qisu ma baqa' jhobbu. Hi ukoll ma taghtux wicc ghax ma riditx inkwiet id-dar, ma riditx dak it-tip ta' nies u xorta baqa jcemplilha jghidilha '*Mum int orrajt'*, xtaq li kienet ommu. Cahdet li daqs tlett gimghat ilu bieghitlu f'zewg okkazzjonijiet l-erojina lil Oman Galea. Tghid li ma jistax ikun ghax ma ghadhiex tghix f'dik il-hajja. Jghaddu bis-sickness benefit hi u Steve. Kellha ragel ibiegh qabel u ma tridx tmur gewwa. Cahdet li meta dahal Joe Bajada l-habs, lahqet floku tbiegh. Il-Gimgha li ghaddiet baghtilha messagg Oman li kien ha jcemplilha iktar tard ghax kien sejjer jiekol ma' tfajla u fil-fatt ma cempliliex. Tichad li kienet qed taghmilha ta' spiss mieghu, tghid li darba taghtu lift minn fuq il-bus stop ta' Marsalforn u darba ohra ratu t-Tigrija, ftit il-fuq mill-Ghassa tar-Rabat. Jiddispjaciha ghalih izda wissietu kemm il-darba biex ma jiehux.

L-imputata **Maria Concetta Borg** fis-seduta tas- 27 ta' Frar, 2020 cahdet li f'Gunju 2011 u z-zmien ta' qabel din id-data forniet jew bieghet id-droga eroina f'Ghawdex. Tghid li l-parking ta' Marsalforn qatt ma marret. Qatt ma qieghdet pakketti hemmhekk, tghid li lil Oman kienet thobbu qisha binha u li qatt ma taghtu droga. Mistoqsija '*Lil Oman biss qatt ma tajt droga?'* wiegbet le. Kienet tghix Marsalforn izda qatt ma nizlet lejn il-parking. Tghid forsi kienet tghaddi mill-Creek u ddawwar hekk. Dwar Oman qalet li darba kienet ratu jithadded mal-ex, l-ex telqitu xi l-2007, 2008 Joseph Bajada. Li '*Kont iġiebli ħniena, għax indunajt għalfejn. B'hekk kont nafu lil Oman u kont ngħidlu jien xħin tlaqt lil Joseph u rajtu kulħadd jgħid hello u bye hawnhekk, Għawdex żgħir, u bdejt narah qisu jibbildja, you know kien imur body wieghts, bħalma kien imur it-tifel tiegħi, s'intendi, allura bdejt nieħu pjaċir u bqajt nkellmu u hekk, u bdejna you know, jiena ma kontx nuża, ma kontx inbiegħ, u hu lanqas u kont vera ferħana, u beda jgħid l-istorja tiegħu għalfejn kien waqa' fuq id-drogi qabel u hekk, qalli għaliex ommu kellha ħafna tfal minn ta' dak u minn ta' l-ieħor. Kien jixtieq li jiena l-mummy tiegħu għax ra kif rabbejt*

*lil ibni jiena. Qal li ta' sittax-il (16) sena ommu bagħtitu jmur ma' raġel, hemmhekk jiena qalbi żgħira u kien kisirni, għax ma nistennihiex omm tibgħat lil binha jew lil bintha f' dak ix-xogħol...'* Spjega kif kellha bedroom vojta u qaltlu li filkas jiehu l-bedroom hawn, kul minn hawn biex ma jmurx jekk '*mintix that way*'. Spjegat li Stephen Durward kellu certu pussess fuqu.

Oman kien isaqsiha ghandhiex bzonn xi haga mill-hanut. Kienet ghamlet statement lil Joseph Bajada ghax ma riditux go darha aktar, spjegat li Oman kien qata d-droga, li gieli xtratlu s-sigaretti. Kienet tohrog ma Steve Camilleri mill-Mosta, spjegat li kienet ila ma tara lil Oman xi xahar qabel ma miet, li ratu gholob, tghid li filli bodybuilder u filli ntefa qisu skeletru fuq il-mejda tal-ikel taghha u kien hemm Steve Camilleri mill-Mosta u rat idejh kollha labar. Saqsitu ghalfejn rega ghamel hekk u dan quddiem Steve Camilleri li ghamlet xi sena u nofs mieghu. Oman qalilha li '*erġajt qbadt il-dak, għax Jethro qalibhieli ma' Steve.*' Jigifieri Jethro Camilleri u Steve Durward. Tghid li sitt xhur qabel kienet tellghathom jieklu ghandha kemm il-darba lil Oman, lil Durward. Tghid li Durward Steve kellu dak il-pussess fuqu, kien juzah lil Oman. Tghid '*Jagħtih l-flus, jużah in the bed, jużah as well biex iġiblu xi affarijiet.*' bhal drogi. Tghid li qed tassumi. Tghid '*kien jaħdem bħala body bouncer at the MoJo's. U mill-għajnejn il-bniedem jintagħraf*'. Tghid li '*His pupils very big, mhux dilated bħal meta ġie hawnhekk qisu jrid jaqa' mal-art u l-mimi t'għajnejh daqs naqra. He was on something else that day. Għax jien nistudja fuq dawn l-affarijiet.*' Tghid li lil Oman '*għidtlu "għalfejn erġajt waqajt Oman?", u qalli erġajt bdejt nuża, qalibhieli Jethro Camilleri, u sebaħ u dalam. Hu ntefa' ġod-dar li kellha ommu Reġina, jisimha kienet ommu, li kienet bagħtitu ta' sixteen (16) working as a pro.*' Tghid li kienet tghix ma Steve Camilleri li kien ihobb jerfa idejh fuqha u Oman kien icemplilha l-ahhar xahar isaqsiha jistax jghaddi u kienet tghidli le ghax hiergin. Tghid li i-kuxjenza tnigiza ghax ma ghenitux fl-ahhar xahar ta' hajtu. Steve Camilleri ma riedux hemm fuq ghax beza' li jtella xi pakkett jew xi siringa u jigu fit-trouble.

In kontro-ezami mistoqsija kemm kienet tiltaqa' spiss ma Oman Galea wiegbet li kien jghaddi isaqsiha ghandiex bzonn xi haga mill-hanut, kien forsi jigi tlett darbiet fil-gimgha. Meta ezempju kien ikollu xi jghid ma' Steve, kien ikun bil-guh. Jigi jara ghandix bzonn xi haga mill-hanut. Tghid li Oman Geala ma kienx jabbuza mid-droga. Tghid li ndunat li l-ahhar xahar kien jabbuza billi kien gie skeletru. Kienet ila

xahar ma tarah qabel ma miet. Li darba ratu t-tigrija tar-Rabat tiela ma' wahda Robin u kellu kugin mieghu. Kien jabbuza minn kollox semghet hi. Tghid li Robin kienet tmur tahdem ghalih wkoll u taghtih il-flus u kienet tuza l-cocaine ghax wara sabitha u qaltilha li kien jiehu kollox. Spjegat kif kienet il-habs fuq droga, li kienu qabduha bi tlett grammi u wehlet sena u ofs u elf ewro multa u li minn hemm ghamlet weghda li ma tmiss xejn aktar. Qatt ma hadet droga ma Oman Galea. Ma jidhirlix li qatt nizlet Malta ma' Oman hi. Tghid li darb anizel maghha Malta. Kienet thobb titla' weekend breaks, Santana u hekk u telatu maghha biex taghtih break mir-rutina. Cahdet li gieli nizlu Malta biex itellghu l-heroin Ghawdex. Tghid li ghaddew is-snin u ghaddewha minn trauma. Tghid li Steve Camilleri dejjem maghha kien ikun. Bil-vettura kienet ratu fit-Tigrija, ir-Rabat ma Robin u mal-kugin tieghu kien gie mis-safar. Tarah, ixxejirlu u tibqa' ghaddejja ghax dejjem ma Steve hi. Qatt ma taghtu pakketti bid-droga, tghid '*mela jien kont inbiegħ!*'. Qatt ma taghtu droga.

**Steve Camilleri** xehed fil- 5 ta' Gunju, 2020 fejn spjega li kien jghix ma Connie u johrog maghha u dan ghal kwazi sena. Kienu joqghodu Marsalforn, fit-telgha lejn il-Qbajjar. Kien jafu lil Omar, kien habib ta' Connie. Kien jghajtilha 'ma' bhala omm u iben. Ma tantx kien jehu pjacir bih ghax kellu naqra kunfidenzja zejda maghha imma ma kienx jigi ta' spiss. Kien jitrenja ghal body building, kien tajjeb jidher fit. Stephan Delware bodybuilder ukoll, kienu partners. Darba gew jieklu ghandhom. Minn darba sa tnejn kienu gew, ma jafx kemm ghax nesa, ilu. Kienu hadu pjacir. Stephen ma kienx jaghtih l-impressjoni li jibza minnha ghad dejjem jghannaq u jbewwes fiha kien. Kien jiddejjaq minn li miet ghax kellu kunfidenza zejda, joqghodu jitkellmu u lilu ma jdahluhx. Kienu jiggieldu hafna fuq hekk. Kien jghajtilha ma u joqghod jitkellem maghha u kummiedji u hekk. Kien big boy Omar, ma kienx jghir ghalih. Jghid li fl-ahhar kien gie hekk, induna li qed imiss xi haga. Minn bodybuilder gie rqiq. Kien gie d-dar rega u kien qalilha li ma jridux iktar hawn ghax ha jigi f'xi inkwiet dan bih jew ikollu xi haga. Ma regax rah mid-dakinhar. Stephan u Omar kienu boyfriends sa fejn jaf hu.

Jghid li ma kien jara xejn hazin, ma kienu jaghmlu xejn hazin, kunfidenza minn naha tieghu. Ma kienx jigi ta' spiss izda qisu kullimkien tieghu. Induna li qed imiss xi haga ghax gie hekk filli big boy mibni u filli. Meta gew jieklu kien ghadu tajjeb. Ix-xhud

kellu tifel kien jigi maghhom, kienet relazzjoni komuni, jikru d-DVDs u jmorru s'ghand ommha kienet il-harga taghhom. Ma kienu jaghmlu xejn. Ma kienx jahdem. Kienu jaghmu hin twil ghand ommha, dejjem flimkien kienu jkunu. In kontro-ezami qal li ma kienx ilu jafha, kemm kienu ilu maghha kien jafha. kien tela Ghawdex kien iltaqa' maghha go bar u damu sena izda ma jafx meta spiccat ir-relazzjoni. Kien wara li miet dak il-guvni. Meta miet kienu ghadhom flimkien ghax jiftakar li kienu ghand ommha u gew il-pulizija u qalulha biex ifittxulha d-dar. Meta kienet mieghu ma kinitx tiehu droga. Kienet qaltlu, u l-mistura inqatghet, ma baqghetx tiehu l-mistura. Qatt ma hadet droga quddiemu. Jghid li l-mistura ghal '*Coke u hekk*' tiehodha. Ma jiftakarx qaltlux kinitx tiehu eroina. Dwar Omar jghid li '*Naf li, naf li kien x'jgħidulu, li kien jieħu u qal li kien clean imma. Meta kont nafu jien clean kien.*' ikkonferma li meta gew jieklu kien sew u li l-partner tieghu kien qal li wehel il-habs ghax akkuzawh li miet il-partner tieghu. Dwar 'Omar' jghid li kien bniedem sabih u gie qisu marid. Ma kienx qieghed ihuf maghhom, meta irqaq ma kienx qed jigi d-dar, kif rah hekk qalilha '*dan ma rridux hawn jiena għax ħa jġibna f'xi inkwiet*." qaltlu li ma ggibux l'hawn iktar u minn dakinhar ma rahx. Ma jistax jghid li kienet tiltaqa' mieghu x'imkien iehor ghax maghha kien ikun il-hin kollu, kellhom karozza wahda, kien imur ghand ommha maghha u jigi lura maghha. Gieli sema lil Connie Vella u Omar Galea jitkellmu fuq il-partner tieghu ghax kien qed ihoss li qed jabbandunah. Maghhom ma kienx jiehu zgur. Ma kinitx qed ittih zgur ghax kien ikun hemm xhud hu, quddiemu qatt ma sar xejn u kienu kunu flimkien. Meta kien jinzel Malta kienet tigi mieghu. Forsi xi darba nizel Malta u ma gietx mieghu forsi. Flimkien kienu jkunu. In ri-ezami qal li dak iz-zmien ma kienx jahdem, kienu bir-rielef, iktar tard ftit qabel ma spiccaw sab xoghol.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta car li fl-istqarrijiet rilaxxati minn Steven Pail Durward, fl-atti indikati b'diversi verzjonijiet ta' ismu u kunjomu kif ukoll minn Jethro Camilleri, huma kienu kkonfermaw li l-mejjet Oman Galea kien jixtri droga minghand l-imputata u f'waqt minnhom Jethro Camilleri anke kkonferma li kien anke xtara minghandha huwa stess. Minkejja li dawn l-istqarrijiet gew igguramentati quddiem il-Magistrat Inkwirenti, meta dawn ix-xhieda gew biex jixhdu fil-proceduri kontra l-appellanta,

huma f'xi waqtiet dawru kliemhom u rega bdielhom fuq dak li qalu fis-sens li qalu li jew ma kienux certu fuq dak li interpretaw jew li kienu nesew x'raw u x'qalu.

Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Christopher CASSAR'**[4]:

*'18.L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' spergur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta li taqra l-imħuħ tax-xhieda biex tifhem xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom. Il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi diretti u indiretti li jkunu nġiebu quddiemha u tasal għall-konkluzjonijiet tagħha in bażi għalihom biss.*

*19.L-evidenza indiretta, cjoe dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ- ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il- massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.*

*20. Il-Liġi penali* ***ma teħtieġx*** *li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.*

*21.Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal- evidenza fi proċedimenti penali, cjoe l-Law of Evidence. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verzjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din*

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Lulju 2020 (Appell numru 437 tal-2018)

*l-eventwalita, din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Jigifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.*

*22.Biss din il-konkluzjoni l-Qorti tista' tasal ghaliha biss wara li tkun gharblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jigifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, b'mod li fl-ahhar mill-ahhar dik il-Qorti tikkonkludi li tkun zgura moralment, sure bl-Ingliz u fis- sistema Legali Ingliz;*[5] *li l-kaz sehh skont kif tkun qed tipprospetta l- Prosekuzzjoni.*

*23.Fil-gurisdizzjoni Maltija sabiex Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkuzata hatja ta' reat il-grad ta' sufficjenza probatorja mehtieg huwa dak lil hinn minn kull dubju dettat mir- raguni. Dan huwa l-oghla livell ta' prova li l-Ligi tehtieg; li filwaqt li ma' jehtiegx ic-certezza assoluta, mill-banda l-ohra huwa oghla mill- bilanc tal-probabbilitajiet. Fil-kaz Ingliz* ***Majid****,*[6] *Lord Moses stqarr hekk :*

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

*24.Inoltre, fil-ktieb taghhom* ***The Modern Law on Evidence****, Adrian Keane u Paul McKeown*[7] *jghidu s-segwenti : -*

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must*

[5] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta (6) tas-sentenza citata.)
[6] ibid. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata.)
[7] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza citata.)

*find the accused not guilty.*

*25.Illi din it-tifsira insibuha fil-ġurisprudenza Maltija għal għexieren ta' snin. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal- kunċett bħala l-prinċipju* ***tas-sikurezza****. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** *deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il- każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal* ***b'sikurezza*** *għall-konkluzjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il- Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l- aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*26.Huwa biss meta jkun hemm* ***id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, cjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża*** *li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkuzi miġjuba kontrih.'*

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur M. Bonello) Vs Joseph Thorne'**[8] gie meqjus li:

*'Illi din il-Qorti thoss li fuq il-bazi tal-provi mismugha - li prezumibilment kienu l-istess quddiem l-Ewwel Qorti - dik il-Qorti setghet legalment u logikament tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija wkoll dwar it-tielet u r-raba imputazzjoni. Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal- Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. Apparti li hemm erba xiehda li jghidu li l-appellant hebb ghall-martu w ta' daqqa ta' ponn lill-ommha Lucia Micallef, hemm il- prova indiretta w indizjarja*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju, 2003 (Appell Kriminali Numru: 59/2003)

*tal-ferita fuq mohh Lucia Micallef kif certifikata mit-tabib li l-appellant ma setax jaghti spjegazzjoni ghaliha. Dan l-element ta' "circumstantial evidence" serjament jimmina l-kredibilita' tal-appellant u jwassal biex il-mizien tal-kredibilita' jxaqleb b'mod li jwassal sal-grad tal-konvinciment morali kontra l- versjoni tal-appellant .*

*Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha raguni serja bizzejjed biex tvarja l-apprezzament tal-provi li ghamlet l- Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w fejn emmnet il- versjoni ta' mart l-appellant , ommha w hutha w skartat ic- cahda kategorika tal-appellant u ta' missieru .'*

L-appellanta taghmel referenza ghall-**artikoli 630, 633, 636 u 637 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn jaqraw:

*'630. Ħadd ma jista' jiġi eskluż milli jixhed minħabba li ma jkollux xi età partikulari; hu biżżejjed illi l-qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, għalkemm mhux tal-età, jaf illi hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz.'*

*'633. (1) Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jew imħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess ieħor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkużat; imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u mingħandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint lix-xiehda hija vera, għandu jipproċedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kif jingħad hawn fuq.*

*(2) Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-raġel, kontra s-sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoni ċivili jew kontra l-koabitant tiegħu jew tagħha, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija.'*

*'636. Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba -*

*(a) li milli jistqarr huwa nnifsu, jew xort'oħra, jinsab li huwa kien sar ħati ta' reat jew li b'xi mod kien ġie misjub ħati, ikkundannat, imċanfar, jew imwaħħal piena minn qorti jew awtorità oħra; jew*

*(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed; jew*

*(ċ) li jkollu interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, jew fir-riżultat tal-kawża;*

*(d) li, f'kaz ta' xhud li jkun ġie ammess biex jibbenefika taħt il-programm ta' ħarsien ta' xhieda mwaqqaf skont it-Titolu IV tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Pulizija, ix-xhud kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu jew li hu soġġett li jkun imħarrek fil-futur fir-rigward tal-imsemmi reat jew ta' xi reat relatat.'*

*'637. L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:*

*Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.'*

Kif ikkunsidrat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs John Pace'**[9]:

*'Il-ligi ma tghidx meta xhud huwiex kredibbli jew le izda tipprovdi guidelines ta' kif ghandha tasal biex tiggudika jekk persuna hux qed ighid il-verita jew le. Biex il-Qort tara jekk xhud hux kredibbli jew le trid taghmel certu ezercizzju, minkejja li l-ligi tipprovdi certu guidelines fosthom biex tara jekk xhud hux kredibbli jew le fl-apprezzament tieghu, tara x'interess ghandu li qed jixhed b'certu mod. Tara per ezempju l-komportament tieghu, kif igib ruhu waqt li qed jixed, fil-karattru tieghu, il-mod kif jirrispondi, fuq xi domandi, jekk hux qed ikun evaziv, jipprova jahrab mid-domandi impost lilu u jghati twegibijiet ghad- domandi li ma jsirulux. Tara per ezempju jekk f'dak li qed jghid xhud ghandux mis- sewwa. Tara jekk dak mistqarrr minnu ghandux mis-sewwa hekk hu, jekk hux verosimili, jigifieri taraw jekk hux*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 395/2017)

*konsistenti mieghu nnifsu, jekk hux per ezempju daqqa jghid haga u daqqa jghid ohra, jekk hux konsistenti. Jew tara, jekk hemmx xi provi jew cirkostanzi ohra li jikkontraducu dak li qed jghid ix-xhud. Dan hu l- esercizzju li trid taghmel il-ligi meta tigi biex tizen dak li jghid xhud waqt li jkun fil- pedana tax-xhieda.'*

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi fis-seduta tal- 5 ta' Gunju 2020 is-Supretendent Johan Fenech kien prezenta l-fedini penali ta' Durward Stephen Paul a fol 398 et sequitur u mmarkata bhala JFZ u ta' Jethro Camikleri a fol 403 et sequitur bhala JFZ1. Id-difiza fl-istess seduta esebiet numru ta' sentenzi li nghatghu kontra Stephen Paul Durward u Jethro Camilleri. Mill-fedina penali ta' Stephen Paul Durward irrizulta li huwa instab hati diversi drabi miill-Qrati u dan fosthom ta' pussess ta' droga kokajina fl-elfejn u hdax (2011) u ghalhekk fl-istess sena li miet Oman Galea. Instab ukoll hati ta' reati ta' reizistenza bi vjolenza fuq membri tal-korp tal-Pulizija u reati ohra. Mill-fedina penali ta' Jethro Camilleri jirrizulta li nstab hati ta' diversi reati u cioe' kemm ta' serq, li forna, ipprokura jew offra li jforni droga eroina u pussess ta' droga eroina u dan fit-tmien xhur ta' qabel id-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010), reati dwar sewqan, ingurji u theddid u reati ohra. Gie anke misjub hati talli instab fil-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew preparazzjonijeit taghha, li biegh jew ittrafika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza', reati kommessi f'distanza ta' mitt metru fejn jiltaqghu iz-zaghzagh u reati ohra. Ghalkemm Jethro Camilleri fl-istqarrija tieghu jghid li '*Oman stess qalli li kien rega' beda jiehu darba fil. Jien ghidtlu li kont se niehdu jaghmel it-testijiet u jekk ma jkunx 'clean' ma nkellmux iktar, ghax ma stajtx peress li jien biddilt hajti.*' ma jirrizultax li biddel hajtu tant li mill-fedina penali jirrizulta li kien instab hati ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-wiehed u ghoxrin (21) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u ghalhekk ftit tax-xhur wara l-mewt ta' Oman Galea, kellu fil-pussess tieghu droga kokaina. Ghalhekk ma hemmx dubju li dawn iz-zewg xhieda kienu jabbuzaw mid-droga. Dan izda ma jfissirx li dak li stqarrew dawn ix-xhieda quddiem il-Magistrat Inkwirenti kien inveritier.

Fir-rigward ta' Jethro Camilleri, din il-Qorti taghmilha cara li ma temminx li huwa kien nesa dak li kien gara. Jidher car mix-xhieda tieghu moghtija fil-proceduri kontra

l-appellanta li huwa ried imur lura minn dak li qal fl-istqarrija u cioe' jichad dak li kien stqar fl-istqarrija u quddiem u quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Jirrizulta car li ghal xi raguni jew ohra beda jibza jghid il-verita'. Jirrizulta izda li fl-istqarrija tieghu li tinsab a fol 54 et sequitur u datata d-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) b'mod dirett qal '*Naf li kien qed ikun ma certu wahda Connie, ma nafx il-kunjom, minn mindu dahal ir -ragel il-habs beda jmur jghinna fil qadi, u anki gieli telghatu Malta, u krietlu xi lukanda, u anki dahhal id-droga eroijina lejn Ghawdex*.' Spjega li '*Dan nafu ghax qalli hu, Oman, u qal ukoll li kienet ittih pakkett eroina b'xejn kuljum*.' Naturalment din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li allegatament Oman Galea qal lil dan ix-xhud u dan stante li dan jikkostitwixxi *hearsay evidence* izda din il-Qorti tista' tistrieh fuq dak li xhud ikun ra b'ghajnejh.

Jethro Camilleri kien spjega li '*Jiena dan l ahhar, daqs hmistax ilu kont narah jidhol fil-karozza ta Connie u jkellimha, imma Steve rah ukoll, anki jinqeda. Imbad qal ukoll quddiem Steve u anki quddiemi.*' Huwa qatt ma ra lil Connie taqdi lil Oman. Mistoqsi '*M'ghand min kontu tixtru*?' wiegeb ''*M'ghand Connie, dan ilu qabel ma dahal il-Lesliz il-habs*.' Din l-istqarrija kienet giet igguramentata ghajr ghal kjarifiki. Spjega li '*jiena għamilt żmien nixtri d-droga mingħand il-partner li kellha qabel, din Connie. Dan kellu l-laqam il-Leslies, ċertu Joseph Bajada illi naf ili bħalissa qiegħed il-ħabs. Dik il-ħabta Connie kienet tkun miegħu meta dan kien ibiegħli d-droga.*' Spjega ukoll li '*kont immur m'għand dan il-persuna, Joseph Bajada, u hi kienet tkun hemmhekk, **u darba wkoll kont taċ-Ċawla li ġiet taqdini hi, quddiem il-ħanut.***' Jghid li '*Ma tantx niftakar eżatt iż-żmien imma ilu ilu sentejn, wara eżatt li ħriġt mill-home arrest. Jiġifieri kien qisu jien kont dħalt home arrest fl-aħħar ta' Jannar jiġifieri Frar, Marzu, April, Mejju, qisu għal Ġunju, lulju.*' tal-elfejn u disgha (2009). Kien xtara pakkett eroina ghal ghoxrin ewro (€20).

Huwa meta gguramenta l-istqarrija anke kkonferma li r-ritratt li gie muri juri rapprezentazzjoni ta' Connie li semma fix-xhieda tieghu. Kif saret referenza aktar kmieni f'din is-sentenza meta Jethro Camilleri xehed kemm il-darba f'dawn il-proceduri kontra l-appellanta huwa beda jaghmel minn kollox biex jitfa dubju tant li anke jasal jghid li jaf zewg 'Connie' wahda mara u cioe' l-imputata u ragel bl-isem 'Connie'. L-Ewwel Qorti qieset li '*Jasal biex jghid li Galea seta' kien qed jirreferi ghal persuna maskili maghrufa bhala 'Connie', ghalkemm jikkoncedi li dan tal-ahhar ma kienx jabbuza mid-droga*'. Din il-Qorti izda interpretat ix-xhieda moghtija minn Jethro

Camilleri fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn meta mistoqsi '*U inti dan il-persuna taf jekk jabbużax mid-droga*?' wiegeb '*Ifhem ghandi idea*' bhala li beda jallega li dan Connie il-maskili kien jabbuza mid-droga. Filfatt mistoqsi '*U x'idea għandek? Jabbuża jew le?*' wiegeb '*Imma mbagħad ħa ngħiduha fl-aħħar mill-aħħar inti ma tistgħax tkun ċert mija fil-mija*'.

Ghalkemm Jethro Camilleri fl-istqarrija tieghu u dik guramentata huwa car li qieghed jirreferi ghal Connie ta' sess feminili. Interessanti ukoll li fix-xhieda datata l-11 ta' Marzu 2015 jinghad:

*<u>'Spettur Johann J. Fenech:</u>*

*Mela, Oman Galea qallek kemm kienet iżżommlu flus din Connie ta' dan il-pakkett eroina?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

***<u>Naħseb bħalma kienet iżżomm lil kulħadd, twenty jew thirty euros</u>* <u>(€20-€30).</u>**

*<u>Il-Qorti:</u>*

*X'għidtli? Erġa' għidli.*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Naħseb bħalma kien jixtriha kulħadd. Twnty jew thirty euros jekk konna bil-euros dakinhar.'*

Quddiem il-Magistrat Inkwirenti fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) mistoqsi '*xħin għid taqdik, xiex xi xtrajt m'għand Connie u kemm kont ħallastha?*' kien wiegeb '*pakkett ta' ħeroina u twenty Euros* (**<u>€20)</u>**.'

Meta jerga jixhed in kontro-ezami fid-19 ta' Ottubru, 2017 suggerit lilu li qatt ma xtara minghand l-imputata jghid li ma jiftakarx ezatt, ghalxejn jiprova jiftakar. Jghid li jista' jkun li kienet prezenti imma li ma jiftakarx li xtraha minghandha personali. Ikkonferma li kien qal li qatt ma ra lil Connie taqdi lil Oman. Jethro Camilleri kien rega xehed in kontro-ezami din id-darba quddiem il-Qorti li presediet is-sentenza appellata u cioe fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn deher car li beda jibza u ma hassux komdu jixhed kontra l-appellanta. Meta mistoqsi '*Mingħandha qatt tatek?*' iwiegeb '*M'hiniex hundred per cent ċert. Dik il-biċċa.*' Ikkonferma li kien jinqeda minghand Joseph Bajada il-Leslies u gieli probabli kienet

tkun mieghu Connie. Dwar meta stqarr fl-inkjesta, jghid li kien sick u ried jitlaq, kien jiehu metadone. Jghid li ma kienx qed jigdeb. Kif tajjeb qieset il-Qorti fis-sentenza appellata, Jethro Camilleri hu riluttantissimu milli jixhed viva voce, kuntrarjament ghal dak li sehh quddiem il-Magistrat Coppini meta ma kienx hemm prezenti l-imputata. Kif tajjeb qieset il-Qorti ma ghandheix is-serhan tal-mohh li meta Camilleri jixhed viva voce dan kien qed ikun veritier. Ghalhekk il-Qorti gustament strahet fuq dak li xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn irrizulta li huwa kien xtara minghand l-appellanta fl-elfejn u disgha (2009).

L-**artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħatilill-akkużat.*'

L-**artikolu 30 tal-Kapitolu 101** tal-Ligijiet ta' Malta izda jghid li:

'*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra.*'

**L-artikolu 661 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.*'

Filwaqt li l-**artikolu 30A tal-Kapitolu 101** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi.*'

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ghandha tistrieh fuq ix-xhieda moghtija quddiem il-Magistrat inkwirenti u mhux dak li intqal f'dawn il-proceduri fejn Jethro Camilleri huwa silettiv f'dak li jiftakar u fejn jirrizulta car li kien skomdu jixhed kontra l-appellanta. Din il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija quddiem il-Magistrat inkwirenti inghatat aktar vicin il-mewt ta' Oman Galea izda fejn ix-xhud kien komdu jixhed bil-mod li xehed anke jekk fix-xhieda tieghu moghtija f'dawn il-proceduri jaghti x'jifhem li meta rrilaxxa l-istqarrija huwa kien mghaggel u cioe' li '*Kont qiegħed sick u ridt nitlaq. Jien kont qiegħed Malta, kien wasalli l-ħin għall-mediċina, mort għaliha tard.*' Ma hijiex sostanzjata l-allegazzjoni tal-appellanta li l-ewwel xhieda ta' Duward u Camilleri, li din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellanta qieghda tirreferi ghax-xhieda moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti ta' inghatat taht biza.

L-appellanta tissottometti li la hemm prova dwar x'sustanza x'kienet, la kemm kienet il-kwantita, la kemm kienet il-purita, ma hemm assolutament xejn.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) Versus Monique Borg'**[10] fejn kien ikkunsidrat li:

*'31..Id-difiża tikkontendi li m'hemmx il-prova xjentifika li l- materja kienet droga kokaina u cannabis. Dan għaliex, għalkemm fil-proċess hemm ir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud, u, għalkemm fil-prime note jidher li xehed, ix-xhieda tiegħu ma tidhirx fil-proċess.*

*32. Id-difiża qed issostni li tali prova xjentifika hija indispensabbli. Iżda fil-ġurisprudenza din l-asserzjoni mhix sorretta b'dan il-mod definittiv li d-difiża qed tgħid. Tant li tista' ma tinstab ebda droga u xorta wieħed jista' jinsab ħati kemm ta' pussess jew addirittura ta' traffikar.*

*33. Fil-fatt fil-każ deċiż fis-6 ta' Jannar 2004 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Sharon O'Neill' il-Qorti qalet hekk:*

***'Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl- assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l- oġġett li dak li jkun ikun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddiehor) kien droga projbita mil-ligi. Mill-banda l- oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed***

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Settembru, 2008 (Numru: 270/2000)

***jippretendi li f'kull kaz, biex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oggetti relatati ma' l-abbuż tad- droga. Fi kliem iehor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u ċioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raża tal- cannabis u l-"ecstasy", u mhux xi "oġġett" iehor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad ghad-depożizzjoni ta' xhud, wiehed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga.***

***Omissis***

***Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz'.***

*34. Min-naħa l-oħra, fejn il-fatti kienu totalment xort'oħra, fil-każ fir-Renju Unit 'R versus Hill' 96 Cr.App.R 456 CA intqal hekk:*

***'While scientific evidence was not required in every case to identify a drug, the prosecution must establish the identity of the drug that was the subject matter of the charge with sufficient certainty to achieve the standard of proof required in a criminal case. In the instant case, ( where the police had observed the exchange of a 'small dark object') the evidence was insufficient to establish that what had changed hands was cannabis resin. Semble, the conclusion might have been different had the charge referred to 'cannabis or cannabis resin.' (See R versus Best 70 Cr.App.R.21).[11]'***

*35. Għalhekk it-teorija li l-prova xjentifika hija indispensabbli sabiex ikun hemm il-prova materjali mhix sorretta mill-każistika li ta' Malta u lanqas ta' barra.* ***Jekk ikun eskluż ir-rapport li għamel l-espert Mario Mifsud li ma kienx maħluf lanqas fl-istadju ta' l-investigazzjoni, il-Qorti trid tara jekk hemmx provi oħra fil-proċess li xorta jammontaw għall-prova ta' fiex kienet tikkonsisti s-sustanza.***

*36. Mill-proċess jirriżulta li l-imputata ammettiet li dak li nstab fis-salott ħdejn l-oasis tal-qasrija kien tagħha (u fuq dan m' hemm ebda kontradizzjoni fil-proċess). Kienet taf ukoll li s-*

[11] Archbold edition 2003 page 2259 (Din ir-referenza tinsab fin-nota enumerata tlieta (3) fis-sentenza citata)

*sustanza li l-Pulizija sabu fil-kamra tas-sodda kienet id-droga kokaina kif jidher mir-reazzjoni tagħha meta xehdet a fol.80. Hi xehdet li kienet taf x'qed tagħmel Sandra Camenzuli u liema droga kienet qed tbiegħ.*

*37. Min-naħa l-oħra, waqt it-tfittxija, hija kienet qalet li l- affarijiet li kienu fil-kamra tas-sodda kienu tagħha waqt li ma' Pulizija oħra hija nnegat li l-kaxxa l-ħadra li għaliha ma kienx hemm ċavetta kienet tagħha. Id-difiża hawn rat kontradizzjoni bejn ix-xhieda li ngħatat minn żewġ membri tal-Pulizija differenti. Il-Qorti ma tqisx din is-sottomissjoni bħala waħda korretta għaliex l-ewwelnett kull wieħed qed jixhed dak li kien irraportat lilu u t-tieni huwa ferm loġiku u possibbli li l-imputata tgħid li dak li kien hemm il-kamra tas-sodda kien tagħha meta kienet qed titkellem b'mod ġenerali u imbagħad ikkorreġiet ruħha meta tkellmet fuq il-kaxxa b'mod partikolari.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Sharon O'Neill'</u>**[12] gie kkunsidrat li:

*'L-aggravju ta' l-appellanti huwa wiehed semplici: hija tikkontendi li galadarba ma nstabet u giet elevata ebda droga – sia jekk droga projbita taht il-Kap. 101 jew droga li hi regolata bil-Kap. 31 – hija ma setghetx tinstab hatja kif effettivament instabet. Tikkontendi li s-semplici fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess taghha u li xtrat ghal haddiehor ir-raza tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx bizzejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wiehed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analizi taghha, jista' jkun hemm cirkostanzi li jitfghu dubju dwar kemm verament l-oggett li dak li jkun ikun xtara (jew zamm jew ghadda lil haddiehor) kien droga projbita mill-ligi. Mill-banda l-ohra, meta si tratta ta' oggett li jigi kkunsmat, tkun haga assurda li wiehed jippretendi li f'kull kaz, biex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab ukoll xi droga jew tracci taghha jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga. Fi kliem iehor, jekk qorti tkun sodisfatta – bhalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-kaz – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-kaz li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oggett" iehor, allura l-htija tista' tigi bbazata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jinghad ghad-deposizzjoni ta' xhud, wiehed jew aktar, fil- konfront tal-akkuzat meta ma tinstabx droga. S'intendi f'kaz simili l-ghaqal x'aktarx ikun jitlob li x-*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar, 2004 (Appell Kriminali Numru: 171/2003)

*xhud jigi mistoqsi, fost affarijiet ohra, x'kien l-effett tat-tehid jew amministrazzjoni ta' dak l-oggett li huwa jghid li jkun xtara minghand l-akkuzat, u dan sabiex wiehed ikun jista' jivverifika jekk tali effett hux simili ghal dak tad-droga li l- prosekuzzjoni tkun qed tallega li kellu jew li bejgh l- imputat jew akkuzat. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha b'xi mod tvarja l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti, konkluzzjoni bbazata esklussivament fuq iz-zewg stqarrijiet (wahda minnhom guramentata) tal-appellanti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Victor Aquilina Vs Emad Masoud'**[13] deciza minn din il-Qorti kif preseduta gie kkunsidrat li:

*'Illi stante li in linea ma dak ikkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza, l-istqarrija rilaxxata mill-appellant kif ukoll dak kollu li l-appellant qal lill-Pulizija waqt l- investigazzjoni huwa inammissibli, l-unici provi li l-Qorti ghandha quddiemha huma x-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li jixhdu dwar ir-raza tal-cannabis kif ukoll s- sustanza suspettata raza tal-cannabis esebita quddiem l-Ewwel Qorti u l-oggetti kollha elevati inkluz flixkun tal-coca 'forma ta' bong'[14]. Minkejja li fil-fedina penali aggornata tal-appellant prezentata fl-atti jirrizultaw numru ta' kundanni rigwardanti droga, dan bl-ebda mod ma jghin il-kaz tal-prosekuzzjoni.*

*Gialadarba ma saret l-ebda analizi tas-sustanza suspettata raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabisu, stante li l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tal-appellant jirrigwardaw il-bejgh jew it-traffikar kif ukoll il-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, din il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova, ma lahqitx il-grad ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonferma l- htija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant.'*

Ghalhekk jirrizulta li fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Victor Aquilina Vs Emad Masoud'**[15] il-Prosekuzzjoni kienet strahet fuq l-ammissjoni tal-imputat maghmulha fl-istqarrija u minkejja li d-droga kienet giet esebita quddiem il-Qorti, din baqghet qatt ma giet analizzata. Gialadarba l-istqarrija rilaxxata mill-imputat

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru 320/2018)

[14] Xhieda ta' PS1174 Adrian Sciberras moghtija fit-28 ta' Mejju, 2012 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata dsatax (19) fis-sentenza citata)

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru 320/2018)

kienet giet iddikjarata bhala inammissibli, ma kien hemm l-ebda prova ta' x'kienet is-sustanza in kwistjoni. Fil-kaz odjern, Jethro Camilleri fl-istqarrija rilaxxata minnu u quddiem il-Magistrat Inkwirenti kien allega li xtara l-erojina minghand l-appellanta u ghalhekk wiehed ma jistax jippretendi li tingieb prova ta' dak li jkun gie kkonstmat. Gialadarba Jethro Camilleri kien drug user ma ghandux ikun hemm dubju li dak li kkonsma kienet droga eroina anke jekk ma hemmx prova dwar il-kwantita u l-purita, ghajr li quddiem il-Magistrat Inkwirenti jghid li hallas ghoxrin ewro (€20).

Ghalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova li l-appellanta f'okkazzjoni wahda ittraffikat id-droga erojina f'Gunju jew Lulju. 2009 kif ikkonferma Jethro Camilleri quddiem il-Magistrat Inkwirenti. L-appellanta quddiem l-Ewwel Qorti xehdet li ghamlet sena l-habs, li kienet wehlet sena u nofs u elf ewro (€1000) multa. Jirrizulta li s-sentenza kontra taghha kienet inghatat fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif jirrizulta a fol 20 et sequitur u mmarkata bhala Dok JF2 fejn giet ikkundannata disa' mitt ewro multa (€900) li tithallas b'reati ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar, hlas tal-ispejejz tal-esperti kif ukoll giet ikkundannata ghal piena ta' hmistax-il (15) xahar prigunerija li minnhom kellu jitnaqqas kull zmien li l-imputata ghaddiet taht arrest preventiv. Filwaqt li fl-istqarrija ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 101, a fol 202 moghtija mill-appellanta fil-(25 ta' Novembru 2009 fl-atti tal-investigazzjoni dwar traffikar tad-droga kienet spjegat kif '*Jiena ghamilt ghaxar xhur il-Habs. Dhalt f'Gunju 2008. Hrigt f'Mejju 2009.*' Ghalhekk jirrizulta li fiz-zmien li Jethro Camilleri allega li kien xtara droga minghand l-appellanta hija kienet filfatt harget mill-habs.

In kwantu ix-xhud Steven Paul Durward, l-istqarrija tieghu datata d- 29 ta' Gunju 2011 li tinsab a fol 62 et sequitur dwar Oman qal li '*Lately he had been hanging around with Connie from Marsalforn and her boyfriend called Steve.* ***I would see Oman lean into Connies' car, give her money and Connie giving him packets made of foil. I've noticed this deal at least twice. I also warned Connie that I would be speaking to the police about all this****.*' Dan sehh tlett gimghat qabel f'Marsalforn wara l-flat tieghu u t-tieni darba fil-car park ta' Marsalforn. Din l-istqarrija giet ikkonfermata quddiem il-Magistat inkwirenti fejn anke kkonferma li l-persuna li tidher f'doc B hija Connie li rrefera ghaliha u cioe' li kienet tissuplixxi lil Oman bid-droga. Spjega li

darbtejn rahhom '*the window, give him the money, she passes the silver packets and that's when I told her..*' Izid jghid li kien ha zewg pakketti drogi minghandi Oman u poggihom fil-car park f'Marsalforn. Kif inghad dawn filfatt instabu mill-Pulizija. Dak li jghid Steven Paul Durward quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa car u dirett u ma jhalli l-ebda dubju.

Meta xehed Stephen Paul Durward f'dawn il-proceduri fit- 8 ta' Novembru 2016 jikkonferma li qal dak imnizzel fl-istatement u gharaf lill-imputata. Izda jghid ukoll li mhuwiex mija fil-mija cert li dak li qal kien vera u jghid li kien irrabjat u ried iwahhal f'Connie u li kienu maghrufa li qeghdin jaghmlu droga flimkien. Dwar l-episodju tal-vettura ma jghidx li ra d-deal, jghid li ma jafx liema naha marret. Jghid li mhuwiex cert mija fil-mija u jghid li kienet '*bad influence*'. Huwa kien xehed in kontro-ezami fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn rega ikkonferma li kien irrabjat meta rrilaxxa l-istqarrija. Jghid li ma huwiex mija fil-mija ghax ma setax jara gewwa l-karozza '*an actual deal going on. I just saw him after when he was in the house when I found ... on him. So which way the deal went I cannot be sure.*' Jikkonferma in ri-ezami li fl-istatement meta jghid Connie kien qed jirreferi ghall-imputata. Mistoqsi '*So you told the police that you saw Oman on two occasions leaning into her car and give her money and she gave him packets made of foil.*' u wiegeb '*That is what I thought yes. I did yes.*' Mistoqsi '*And you also told him when you were asked "When did this happen?" "Like three weeks in Marsalforn just behind my flat. The second time was in the Marsalforn car park."*' wiegeb '*Yes. I had believed it to be true. I do not remember all of it off heart no.*' Mistoqsi meta qal il-verita jekk fl-istatement qal '*At the time I gave the statement I believed it to be the truth yes.*' Stephan Durward in kontro-ezami fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) <u>quddiem il-Qorti li ddeciediet is-sentenza appellata</u> jghid li '*I seen an exchange take place, I was walking the dog, I was like walking and looking. Not one hundred per cent I can't say which way the exchange was going.*' Jispjega li id Oman kienet miftuha u ghalaqha u mexa l'hemm. Mistoqsi '*He jumped out with his hand and moved away.*' wiegeb iva, ma ra l-ebda exchange ta' flus. Oman ma kienx jikkonferma li jkun ma Connie jew li kien qed jiehu droga izda ma kienx jinnega. Jikkonferma li kien ha zewg pakketti li ra f'idejh li kienu fil-foil. Kien ikkonfrontah qallu '*you just took them from Connie in the car park where I have just seen you!*' u wiegeb li kien innega. Innega li gab dawn l-affarijiet minn Connie. Ma rax id-

droga jghaddu minn idejn Connie ghal idejn Oman u lanqas flus fl-ebda okkazzjoni. Spjega kif Connie kienet tidhak meta kkonfontaha x-xhud. Ma eskludiex li Jethro kien jghaddi droga lil Oman izda sa fejn jaf hu Jethro ma kienx qieghed ibiegh droga. Fl-ewwel incident ma ra xejn f'idu , kemm rah jitkellem mit-tieqa izda dak inhar ma kkonfrontahx. Jahseb li dak li ra Marsalforn kien madwar xahar qabel ma miet izda mhux cert. Kien fl-istess sena li miet.

Fix-xhieda tieghu Durward jigi fid-dubju liema naha kienet id-deal u cioe' jekk Oman Galea kienx ghadda l-flus u ircieva d-droga jew vice versa izda kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti '***Kif jista' jkun li Galea ghadda hu d-droga lill-imputata meta din ma nstabietx ghandha izda fuq Galea li ghaddiha lil Durward hekk kif irritorna d-dar tal-istess Durward?*** *Hu hawn fejn id-dubbji ta' Durward mhux fondati la fuq fatti u wisq anqas fuq is-sens komun. Ma jridx jitnesa li* ***kien l-istess Durward li kkonfronta lil Galea meta dan urieh il-pakketti, hadhomlu w hareg u hbiehom go hajt. mohba li kienet ghadha intatta saz-zmien tal-inkjesta****. Galea li tant kien ihobb lil Connie qatt ma kien ser jinvolviha ghalhekk innega li kienet hi li taghthomlu!*' Ma dan, din il-Qorti zzid li meta xehdet l-appellanta hija fl-ebda stadju ma qalet li kien Oman Galea li ghadda d-droga lilha.

L-appellanta fl-appell taghha tghid li fiz-zmien tax-xhieda tieghu fejn qed jitfa dell ikrah fuq Connie Vella, Durward kien ghaddej hu personalment minn proceduri kriminali ohra fejn kien qed jaffacja wkoll akkuza ghal pussess ta' droga, apparti l-fatt li kien dak l-istess zmien fejn hu personalment seta' jigi inkulpat li qed jitraffika u ghandu fil-pussess tieghu sustanzi illegali. F'dan ir-rigward din il-Qorti tqis li mix-xhieda tal-Ispettur Johan Joseph Fenech datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) wara li xehed li kien kellem lil hbieb ta' Oman Galea foshom Steven Paul Derward, il-Qorti kienet staqsiet jekk din il-kawza hijiex miexja mal-kawza kontra Stephen u l-Ispettur Johan Joseph Fenech xehed li iva, u mistoqsi jekk x-xhieda tieghu se tkun l-istess wiegeb pussess semplici biss pero'. In oltre' a fol 506 u mmarkata bhala Dok AF giet esebita kopja informali tas-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Johann J. Fenech) vs. Steven Paul Durward'** datata t- 28 ta' Jannar 2014 fejn kien akkuzat b'pussess ta' droga kokaina fis-sena 2011, fejn kien ibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni

tieghu kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanta tallega li wara li nghatat is-sentenza fil-konfront tieghu, kien ghalhekk kien liberu minn kull hsieb li jista' jigi akkuzat hu personalment, ma kien baqalu l-ebda skop li jinkolpa lil haddiehor u li kien ghalhekk li mbghad biddel il-verzjoni tieghu u stqarr illi ma kienx cert x'ra u li jaf kien Oman stess li kien qed jforni id-droga fil-konfront tal-imputata, kien imbaghad ghalhekk li ddecieda li jistqarr il-verita. Id-difiza izda ma kkonfrontatx lil dan ix-xhud dwar dawn l-allegazzjonijiet u cioe' li wara li giet deciza s-sentenza kontrih, ma kien baqalu skop li jinkolpa lil haddiehor izda staqsietu dwar jekk kienx il-habs, fatt li x-xhud stess xehed dwaru u cioe' fejn irrefera ghad-droga u l-vjolenza. Taghmel anke allegazzjonijiet fl-appell taghha li Durward kien jiehu droga mal-mejjet, haga li nnega ix-xhud. Din il-Qorti tqis li minkejja li l-kawza odjerna ila ghaddejja zmien konsiderevoli, il-Qorti li ddeciediet is-sentenza appellata kienet hi stess li kellha l-opportuntia' li tisma' lil dan ix-xhud jixhed quddiemha u fejn staqsiet mistoqsijiet pertinenti lil dan ix-xhud sabiex tasal ghal verita. Il-Qorti fis-sentenza appellata dwar Stephen Durward taghmel diversi konsiderazzjonijiet fosthom li ma ddejjaqx issemmi li l-appellanta f'okkazzjonijiet kienet iggib ruhha sew u li mhux kull darba li Oman kien ikun ma Connie kien jirritorna fi stat hazin. L-appellanta fl-appell taghha taghmel referenza ghal fejn is-sentenza appellata tikkunsidra dan u ssaqqsi fuq liema bazi l-Ewwel Qorti iddecideiet li temmen din il-verzjoni u mhux il-verzjonijiet l-ohra. Dwar dan, din il-Qorti tqis li l-kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata huma dettaljati u in oltre' dik il-Qorti kellha c-cans li tisma' lil dan ix-xhud jixhed quddiemha u fejn ghalhekk setghet tikkunsidra il-kredibilita' ta' dan ix-xhud.

Jirrizulta li madwar tlett gimghat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tieghu Steven Paul Durward fid- 29 ta' Gunju ,2011 kien ra lill-imputata li jirreferi ghaliha bhala 'Connie' tghaddi pakketti tal-foil lil Oman. Din il-Qorti qieghda tistrieh fuq dak li dan ix-xhud stqar fl-istqarrija tieghu u quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn huwa car u dirett b'dak li ra. Ghalkemm dan ix-xhud diversi drabi f'dawn il-proceduri jghid li ma jiftakarx flejjes jigu mghoddija kuntrarjament ghal dak li qal fl-istqarrija fejn kien qal li Oman ghadda flus lill-imputata, din il-Qorti tqis irrispettivament ta' jekk

ghaddewx flus minn Oman Galea versu l-imputata, jirrizulta mix-xhieda guramentata ta' Durward li filfatt wara dak li ra fil-vettura tal-appellanta, instabu zewg pakketti tal-foil ghand Oman Galea, li dan ix-xhud heba u li rrizulta li kienu jikkontjeni droga eroina. Filfatt fir-relazzjoni tal-Espert Forensiku Mario Mifsud, liema rapport jinsab a fol 114 et sequitur, irrizulta li instab 0.14 grammi ta' herojina f'qartas minnhom u 0.10 grammi ta' herojina f'qartas iehor. Il-purita medja tat-trab ta' lewn kannella ghas-sustanza herojina kienet ta' cirka 18.7%. Ghalhekk jirrizulta ppruvat li dak li Oman Galea gabar minghand l-appellanta u sussegwentement dak li Stephen Durward ha minn idejn Oman Galea u heba fil-hajt gewwa parkegg filfatt kien jikkontjeni droga erojina. Irrizulta li dan sehh fl-istess sena li miet Oman Galea u cioe' madwar tlett (3) gimghat qabel il-mewt ta' Oman Galea jew tlett (3) gimghat qabel irrilaxxa l-istqarrija Steven Paul Durward fid- 29 ta' Gunju, 2011. Ghalkemm fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienx ghaqli ta' Stephen Durward li minflokk ma rema din id-droga, hbieha fil-hajt gewwa parkegg, dan lanqas izda ma jfisser li Oman Galea ma kienx gab id-droga minghand l-appellanta, anzi minn dak li jirrizulta li stqarr Stephen Durward quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa kien car b'dak li kien ra quddiem ghajnejh u cioe' b'dak li rrizulta li Oman Galea kien ircieva minghand l-appellanta.

L-appellanta f'parti mill-appell taghha tghid li d-difiza ewlenija taghha ma gietx moghtija il-piz misthoqq fejn issottomettiet li hija ma kinitx titraffika d-droga u ma tat l-ebda droga lil Oman Galea. Li x-xhieda giet ikkoraborata bis-shih minn Steve Camilleri. Dwar dan, din il-Qorti tqis li l-Qorti fis-sentenza appellata qieset anke x-xhieda tal-appellanta u tax-xhud in difeza kif kellha dmir li taghmel, u fejn kienet l-istess Qorti li semghet lill-appellanta u lil dan ix-xhud jiddeponu quddiemha u ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar dak li xehdu.

Ghalhekk il-Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha. L-ewwel aggravju ghalhekk qieghed jigi michud. L-appellanta ma ressqitx aggravju dwar ir-recediva u ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma l-addebitu tar-recediva wkoll.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li r-rapport tal-espert mahtur mill-Qorti ma jaghmel l-ebda referenza ghal Dok E li huwa d-dokument esebit li fih is-sustanzi li gew elevati u minflok jaghmel referenza ghal dokument 349/11/01. Li l-Ewwel Qorti qalet li kien ovvju li d-droga elevata kienet f'dokument E u l-appellanta taqbel ma dan pero l-aggravju huwa fis-sens illi l-espert minkejja d-dokument immarkat u referut bhala Dok E qatt ma ghamel referenza ghall-istess fir-rapport tieghu. Ghalhekk ma jistax jinghad li hemm in-ness legali bejn il-konkluzjonijiet tar-rapport u l-kontenut tas-sustanzi fid-Dok E. Ghalhekk il-prova dwar il-kwantita' u n-natura tas-sustanza illegali hija monka.

**PC 883 Paul Azzopardi** xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti fid- 29 ta' Gunju , 2011 fejn spjega li illum hu flimkien ma' PC 1371 u Steve Deward nizlu fil-parking ta' Marsalforn fejn hemmhekk huwa allega li kien halla zewg sachets go xaqq ta' hajt tas-sejjieh fil-parking area. Marru fuq il-post ghal habta tad-disgha u kwart fejn irrikonoxxa l-post fejn kienu u sabuhom fil-post li semma huwa. Qallu gol-hajt, xaqq go hajt. Elevawhom u esebuhom. Huwa kkonferma li dawn huma s-sachets li kkonferma li huma. Dawn is-sachets kif instabu go foil tqeghdu go borza tal-plastik u gew esebiti bhala <u>dokument 'E'</u>.

**PC 1371 Alfred Grech** quddiem il-Magistrat Inkwirenti ukoll xehed li llejla ghal xi d-9.15pm wara li Steve Deward li gharaf quddiemu qal quddiem il-Magistrat li kien lest u ftakar f'zewg sachets li kien heba u ha minghand Oman, kien lest li jinzel maghhom fil-prezenza taghhom jara jergax isibuhom u fil-fatt nizlu fuq il-post, u wara li fittxu ftit fil-hajt kien hu stess li sabhom dawn iz-zewg sachets u uzaw turnavit biex gibduhom lura. Gharaf li kienu l-istess zewg sachets li hu kien ha minghand Oman. Gabruhom u ix-xhud gharaf li kienu l-istess zewg sachets.

A fol 78 u cioe' fl-atti tal-inkjesta dwar il-mewt ta' Oman Galea li fid- 29 ta' Gunju, 2011 tnizzel li '*Id-dokument "E" wara li ġie esebit qed jerġa' jiġi mgħoddi mill-Maġistrat Inkwirenti lill-Ispettur Tabone sabiex dan jittieħed fil-laboratorju forensiku tal-pulizija ħalli jsiru d-debiti eżamijiet fuqu. U dan mill-Ispiżjar Mario Mifsud.*'

Fir-rapport ta' Mario Mifsud a fol 114 tnizzel li '*nhar it-13 ta' Ottubru tal-2011 l-Esponent gie moghti dokument wiehed mill-Ispettur Frank Tabone fl-Ghassa tar-Rabat Ghawdex.*' Bhala kodici tal-laboratorju huwa nizzel 349/11/01. F'dan ir-rapport

hemm imnizzel li '*F*' *din il-borża kien hemm ukoll invilopp tal-Gvern ta*' *Malta li fuqu kien hemm label bajda bil-kliem* "*zewg sachets misjubin gewwa hajt tal-kantun bejn il-fiel. Kien Steve stess li sabhom illum 29-6-11 ghad 9.15 pm fil-prezena ta*' *PC 1371 u PC 883, Signature of Delivery Officer PC 1371, Signature of Receiving Officer PC 883*".

Għalhekk dan ir-rapport għalkemm ma jirreferix għal Dok E, jiddiskrivi dak miktub fuq il-label. Filfatt l-envelop kannella huwa mmarkat Dok. E fejn hemm deskrit '*Żewġ sachets misjubin ġewwa ħajt tal-kantun bejn il-fiel. Kien Steve stess li sabhom illum 29-6-11 ghad-9.15pm fil preżenza ta Pc 1371 U Pc 883*'. In oltre', din il-Qorti tispjega li il-kodici tal-laboratorju jingħata mill-espert stess u huwa kodici tal-laboratorju u għalhekk in-numru 349/11/01 ma jirriflettix il-mod ta' kif esebit jiġi mmarkat meta jiġi esebit minn xi xhud. Għalhekk din il-Qorti ma għandhiex dubju li d-dokument li eżamina l-Ispizjar Mifsud kien l-istess dokument li nstab mill-Pulizija u li gie esebit fl-inkjesta Maġisterjali u cioe' dak kontenut fl-envelop immarkat Dok. E. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

Ikkunsidrat;

It-tielet (3) aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-piena erogata fil-konfront tal-imputata hija eccessiva. L-appellanta tissottometti li meta wieħed iqabbel l-unika ammont tad-droga msemmija fil-mori ta' dawn il-proceduri, ma ammonti stabbiliti f'sentenzi mogħtija mill-Qrati matul iż-żmien, wieħed ma jdumx biex jirrealizza li l-piena li giet mogħtija l-istess appellanta hija piena gravi u għalhekk ma hix piena jisthoqilha.

L-appellanta rreferiet għal numru ta' sentenzi fejn persuni ingħatgħu pieni differenti. Din il-Qorti tqis li l-piena minima li tista' tingħata li kieku l-appellanta ma kinitx recediva hija dik ta' sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċentezmu (€465.87). F'dan il-kaz l-appellanta hija recediva u mhux l-ewwel darba li nstabet ħatja ta' traffikar u pussess ta' droga, tant li anke skontat sentenza ta' prigunerija. L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellanta għal sentejn (2) prigunerija u multa ta' tlett'elef ewro (€3000) kif ukoll għal ħlas tal-ispejjez peritali relatati mal-eżamijiet forensici li saru fuq il-pakketti ta' foil li nstsabu mill-Puliizja fil-presenza ta' Durward u dan fl-ammont ta' ħames mija u tnax-il ewro u sbatax-il centezmu (€512.17) u cioe' tal-espert Forensiku Mario Mifsud. Piena li hija fil-parametri tal-liġi u li **tersaq aktar lejn il-minimu** milli lejn il-massimu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Christopher CASSAR'**[16] gie kkunsidrat li:

*'Il- piena imposta għalhekk kienet waħda li taqa' fil-parametri tal- piena. Iżda dik il-piena naqset milli tieħu wkoll in konsiderazzjoni l-element tat-trapass taż-żmien minn meta seħħ id-delitt mhux fattur li jnaqqas mir-responsabbilta' kriminali tal-ħati iżda f'ċerti ċirkostanzi stretti jista' jiġi meħud in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tiġi biex teroga l-piena.*[17]'

Fil-kaz odjern, ghalkemm ghaddew numru twal ta' zmien minn meta l-appellanta tressqet il-Qorti akkuzata bir-reat odjern fejn jirrizulta li d-dewmien ma huwiex imputabbli lill-appellanta, jirrizulta izda li l-appellanta mhux l-ewwel darba li nstabet hatja ta' traffikar ta' droga u ghalhekk ma jidhirx li tghallmet mill-izball taghha. Ghalkemm jirrizulta li minn meta tressqet b'dawn il-proceduri ma regghetx instabet hatja ta' reati rigwardanti droga izda fl-10 ta' April 2019 instabet hatja li fit-22 ta' Novembru, 2018 saqet minghajr licenzjatas-sewqan u minghajr vettura ma kellha licenzja valida ghal dik is-sena u ta' dikjarazzjoni falza u cioe' dwar licenzja ta' triq.

L-Ewwel Qorti fost kunsiderazzjonijeit ohra qieset li '*Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal 2011 u z-zmien ta' qabel, f'liema zmien, l-okkazzjonijiet li fihom hemm provi cjari w inekwivokabbli li l-imputata traffikat id-droga kienu biss darbtejn.*' Ghalhekk il-Qorti qieset mhux biss iz-zmien izda fatturi ohra meta giet biex tinfliggi il-piena.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Aphron Agius'**[18] fejn skond in is-sentenza kien instab fuq l-imputat ftit anqas minn ghaxar grammi erojina, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset:

'*...il-Qorti tistqarr illi ma tistax tinjora diversi fatturi meta tigi biex tqies jekk il-piena erogata kenitx wahda eccessiva, kif jikkontendi l-appellant. Illi jibda biex jinghad illi dan il-kaz jirrisali ghas- sena 2009, bid-dewmien fil-proceduri ma jkunx imputabbli ghall-appellant. Mhux biss izda l-appellant illum il-gurnata ghalkemm jinsab detenut gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, madanakollu gharaf juzufruwixxi ruhu mis-servizzi hemmhekk*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Lulju 2020 (Appell numru 437 tal-2018)

[17] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia et*** deċiża fit-2 t'Ottubru 2002. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hdax (11) tas-sentenza citata.)

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Gunju, 2020 (Appell Numru: 298/2015)

*moghtija sabiex ifittex jirriforma hajtu. Inoltre l-piz tad-droga misjuba fil-pussess tal-appellant ma kienx xi wiehed sostanzjali ghalkemm il-purita' kienet kemmxejn gholja. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin u nofs prigunerija kienet wahda kemmxejn gholja tenut kont ta' dawn il-fatti probatorji u inoltre fid-dawl tal-fatt illi l-appellant illum qed ifittex biex jirriforma hajtu. Il-Qorti tqies illi ghandha thares dan l-aspett riformattiv meta tigi biex tikkalibra l-piena u allura hija tal-fehma illi ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-piena imposta fuq il-hati.'*

Ghalhekk il-Qorti varjat il-piena u ikkundannatu ghal wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija, hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500) li jithallsu f'pagamenti mensili ta' mitt ewro (€100) u hlas tal-ispejjez peritali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) (Spettur Malcolm Bondin) vs Jonathan Felice (ID 389288(M)'**[19] il-Qorti qieset:

'*Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz- zmien tal-kaz odjern, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tinkludi inter alia diversi kundanni dwar hsara volonarja, serq aggravat, tentattiv ta' serq aggravat u reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar liema l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija f'erba' okkazzjonjiet u pieni pekunjarji, tqieghed taht Ordni ta' Probation f'zewg okkazzjonijiet u nghata liberazzjoni kundizzjonata.*

*Tqis ukoll in-natura tar-reat fl-ewwel imputazzjoni, diga` minnu nniffsu serju u rez izjed gravuz bil-fatt illi dan sehh fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tieghu. F'dan ir-rigward, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-imputat kien prigunier fiz-zmien tal-kaz. Tqis ukoll il-piz tas-sustanza in kwistjoni.'*

Il-Qorti f'dak il-kaz fejn kienu instabu 3.1 grammi eroina fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ikkundannat lill-imputat ghal hmistax (15)-il xahar prigunerija, multa ta' elf ewro (€1000) li tithallas f'rati mensiliu konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50) kif ukoll l-

[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2018 (Kawza numru:8/2014)

ispejjez peritali skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dik is-sentenza kienet giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali[20].

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) vs Keith Joseph Mallia (ID 148471(M))**[21]' gie meqjus li:

*'Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il- fedina penali tal-istess imputat*[22]*, liema fedina penali hija waħda refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar reati konnessi mal-kaċċa, reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, varji reati kontravvenzjonali, pussess 'sempliċi ta' droga eroina fi tliet okkażjonijiet, reati taħt il-Kap. 66 (illum il-Kap. 480) tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, raġġion fattasi u ħsara volontarja. Qed tqis ukoll illi l-imputat huwa reċidiv.*

*Tqis ukoll għal fini ta' piena, in-natura serja tal-imputazzjonijiet li tagħhom qed jinstab ħati l-istess imputat, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern u l-pjż tat-trab kannella kontenenti d-droga eroina li nstab fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni.*

*Mill-banda l-oħra, il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi għandhom japplikaw fil-konfront tal-istess imputat, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-Qorti ser tnaqqas il-piena applikabbli bi grad.*

*Il-Qorti qegħda tapplika wkoll, għal fini ta' piena, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.*

*Il-Qorti tqis in oltre illi minkejja illi din il-kawża tirrisali għas-sena 2008, id- dewmien żejjed fil-proċeduri kien dovut fil-maġġor parti tiegħu għal raġunijiet imputabbli lill-imputat jew għad-difiża. L-imputat kemm il-darba ma deherx minkejja li kien debitament notifikat bis-smiegħ, jew altrimenti ma kkomunikax mal-avukati tiegħu sabiex jippreparawlu d-difiża, jew inkella ntalab differiment mill-istess difiża għal xi raġuni jew oħra. Biss biss fuq perjodu ta' sentejn u nofs li d-difiża damet sabiex tagħlaq il-provi tagħha, l-istess difiża ma ressqet*

[20] Deciza fl-10 ta' Gunju, 2020 (Appell numru 168 tal-2018)

[21] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Gunju, 2020 (Kawza numru: 383/2009)

[22] Il-fedina penali aġġornata tal-imputat baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn u ghoxrin (22) fis-sentenza citata.)

*assolutament l-ebda prova.'*

Dawn is-sentenzi hawn fuq riferiti dwar il-piena huma sentenza li l-appellanta taghmel referenza ghalihom fl-appell taghha. Din il-Qorti tqis li kull kaz fih il-fatti speci tieghu u ghalhekk nonostante l-fatt li l-piz tad-droga ezaminata mill-espert Mario Mifsud ma kinitx wahda gholja, hemm fatturi ohra li ghandhom jittiehdu in konjizzjoni meta l-Qorti tikkunsidra x'piena ghandha taghti.

Dwar l-iskop tal-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li inghatat ricentement fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'</u>**[23] fejn gie kkunsidrat li:

'*6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion*

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*2

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ; fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet* ***<u>manifestament eċċessiva</u>*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux*

*daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali għas-socjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- socjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-socjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikacja repressiva.'*

Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija titfa l-htija tal-mewt ta' Oman Galea fuq l-appellanta u dan stante li dan ma giex ippruvat bhal ma lanqas ma giet akkuzata b'dan, ma tistax ma temfasizzax kemm id-droga qieghda taghmel hsara kemm lill-users izda anke lis-socjeta' in generali. Ghalhekk tqis li l-piena hija mhux biss fil-parametri tal-ligi izda anke idonea fic-cirkostanzi tal-kaz. Ghalkemm l-appellanta tghid li hija hielsa mill-vizzju tad-droga ma ressqet l-ebda xhud minn Caritas jew istituzzjonijiet ohra biex tressaq tali prova, ghalhekk ma jirrizultax stabbilit jekk verament l-appellanta ghamlitx kambjament f'hajjitha. In oltre' lanqas ma jirrizulta li ghenet lil Prosekuzzjoni fl-investigazzjoni taghha tant li l-Ispettur Johann Fenech fis-seduta tal- 24 ta' Jannar ,2018 fejn meta mistoqsi jekk l-imputata f'kaz ta' htija ghandiex tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 wiegeb li '*Fil-każ odjern tiegħi, le. Jiena miegħi l-istatement li kienet irrilaxxat qiegħed esebit, qalet dak li kellha tgħid; ma ikko-operatax għax qalet li ma kellha x'taqsam xejn, qatt ma biegħet droga. U jiena ma iddikjarajt qatt li tibbenefika mis-section 29.*'

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena imposta mill-Qorti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni tad-distruzzjoni tad-droga esebita[24] fl-inkjesta u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

[24] Dok. E (fol.78) li nghata l-Kodici tal-Laboratorju 349/11/01 (fol. 114-115)